// Il-Ġurnal Uffiċjali L 259 I

tal-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti | Leġiżlazzjoni | Volum 65

6 ta' Ottubru 2022

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1903 tas-6 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/263 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni** ..... 1

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1904 tas-6 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna** ..... 3

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1905 tas-6 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** ..... 76

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1906 tas-6 ta' Ottubru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** ..... 79

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1907 tas-6 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** ..... 98

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1908 tas-6 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/266 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni** ..... 118

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1909 tas-6 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna** ........ 122

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/1903

**tas-6 ta' Ottubru 2022**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2022/263 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/266 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/263 ([2]) jagħti effett lil miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2022/266.

(2) Fis-6 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1908 ([3]) li temenda t-titolu tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/266 u testendi l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tar-restrizzjonijiet li jinsabu fiha biex ikun ikopri ż-żoni kollha mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna fl-oblasts ta' Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia. Il-kuntest politiku u r-raġunijiet ta' politika għall-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri restrittivi huma stabbiliti fil-premessi għad-Deċiżjoni (PESK) 2022/1908.

(3) Dawk l-emendi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u għalhekk hemm bżonn tittieħed azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni biex jiġu implimentati, b'mod partikolari bl-intenzjoni li tiġi ggarantita l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha.

(4) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2022/263 jiġi emendat,

([1]) ĠU L 42I , 23.2.2022, p. 109.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/263 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni (ĠU L 42I, 23.2.2022, p. 77).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1908 tas-6 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/266 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni (ara paġna 118 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2022/263 huwa emendat kif ġej:

(1) It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/263 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent, l-okkupazzjoni jew l-annessjoni illegali mill-Federazzjoni Russa ta' ċerti żoni tal-Ukrajna mhux ikkontrollati mill-gvern";

(2) fl-Artikolu 1, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) "territorji speċifikati" tfisser iż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna fl-oblasts ta' Donetsk, Kherson, Luhansk, u Zaporizhzhia;".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ottubru 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. BEK

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/1904

## tas-6 ta’ Ottubru 2022

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1909 tas-6 ta’ Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-31 ta’ Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament(UE) Nru 833/2014 ([2]).

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jimplimenta ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK ([3]).

(3) B’rispons għat-tkomplija tal-aggressjoni mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, l-organizzazzjoni ta’ “referenda” fittizzji illegali fil-partijiet tar-reġjuni ta’ Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia li bħalissa huma okkupati illegalment mill-Federazzjoni Russa, l-annessjoni illegali ta’ dawk it-territorji Ukreni mill-Federazzjoni Russa, kif ukoll il- mobilizzazzjoni fil-Federazzjoni Russa u t-theddida repetuta tagħha li tuża armi ta’ qerda massiva, fis-6 ta’Ottubru 2022 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK.

(4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 testendi l-lista ta’ oġġetti ristretti li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Federazzjoni Russa jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha, billi tinkludi f’dik il-lista ċerti sustanzi kimiċi, aġenti nervini u oġġetti li ma għandhom l-ebda użu prattiku ħlief għall-piena kapitali, għat-tortura jew għal trattamenti jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, jew li jistgħu jintużaw għal dawn il-finijiet. L-oġġetti soġġetti għal dik il-projbizzjoni huma koperti wkoll mir-Regolament (UE) 2019/125 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). F’dan il-kuntest, ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 għandu jiġi ttrattat bħala *lex specialis* u għaldaqstant, f’każ ta’ kunflitt, jieħu preċedenza fuq ir-Regolament (UE) 2019/125.

(5) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 tipprojbixxi l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta’ armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti essenzjali tagħhom kif ukoll il-munizzjon. L-oġġetti soġġetti għal dik il-projbizzjoni huma koperti wkoll mir-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). F’dan il-kuntest, ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 għandu jiġi ttrattat bħala *lex specialis* u għaldaqstant, f’każ ta’ kunflitt, jieħu preċedenza fuq ir-Regolament (UE) Nru 258/2012.

---

([1]) Ara paġna 122 ta’ dan il-Ġurnal Uffiċjali.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta’ Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta’ Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2019/125 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Jannar 2019 dwar il-kummerċ ta’ ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra (ĠU L 30 31.1.2019, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (UE) 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Marzu 2012 li jimplimenta l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabrikar illeċitu ta’ u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, komponenti u ammunizzjoni tagħhom, li tissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) u li jistabbilixxi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, u miżuri rigward l-importazzjoni u t-transitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-ammunizzjoni (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 1).

(6) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 tkompli testendi l-projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' prodotti tal-azzar li joriġinaw mill-Federazzjoni Russa jew li ġew esportati minnha. Timponi wkoll restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni ta' oġġetti addizzjonali li jiġġeneraw dħul sinifikanti għall-Federazzjoni Russa. Dik il-projbizzjoni tapplika għal oġġetti li joriġinaw mill-Federazzjoni Russa jew li jiġu esportati minnha u tinkludi oġġetti bħall-polpa tal-injam u l-karta, ċerti elementi użati fl-industrija tal-ġojjellerija bħal ħaġar u metalli prezzjużi, ċertu makkinarju u oġġetti kimiċi, sigaretti, plastik u prodotti kimiċi lesti bħalma huma l-kożmetiċi. Testendi wkoll il-projbizzjoni tal-esportazzjonijiet billi żżid oġġetti ġodda mal-lista ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali Russi. Timponi wkoll restrizzjonijiet fuq il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti addizzjonali użati fis-settur tal-avjazzjoni.

(7) L-Unjoni hija impenjata li tevita theddid għas-sikurezza u s-sigurtà nukleari. Konsegwentement, l-ebda waħda mill-miżuri f'dan ir-Regolament ma tfittex li timmina s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili jew il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp, jew li timmina l-ippjanar, il-kostruzzjoni u l-inġinerija, l-ikkummissjonar, il-manutenzjoni jew il-provvista tal-fjuwil ta' proġetti nukleari li jkunu għadhom kif inbnew.

(8) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 tintroduċi eżenzjoni mill-projbizzjoni li jiġu pprovduti assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatati mat-trasport marittimu lejn pajjiżi terzi ta' żejt mhux maħdum jew ta' prodotti tal-petroleum li joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati mir-Russja, mixtrija b'limitu massimu ta' prezz prestabbilit miftiehem mill- Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet, jew taħtu. Dik l-eżenzjoni għandha ttaffi l-konsegwenzi negattivi fuq il-provvista tal-enerġija għal pajjiżi terzi u tnaqqas iż-żidiet fil-prezzijiet ikkawżati minn kundizzjonijiet straordinarji tas-suq, filwaqt li jiġi limitat id-dħul Russu miż-żejt.

(9) L-eżenzjoni mill-projbizzjoni li jiġu pprovduti servizzi marittimi tiddependi mill-introduzzjoni tal-limitu massimu tal-prezz fl-Anness XI tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK mill-Kunsill. Meta jiddeċiedi jekk jintroduċix dak il-limitu massimu tal-prezz, il-Kunsill ser iqis l-effettività tal-miżura f'termini tar-riżultati mistennija tagħha, l-adeżjoni internazzjonali mal-mekkaniżmu dwar il-limitu massimu tal-prezz u l-allinjament informali ma' dan il-mekkaniżmu, u l-impatt potenzjali tagħha fuq l-Unjoni u fuq l-Istati Membri tagħha.

(10) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tappoġġa bis-sħiħ lill-Kunsill biex jagħmel il-valutazzjoni dwar jekk għandhiex tintroduċi l-limitu massimu tal-prezz, inkluż billi ssejjaħ laqgħat ta' koordinazzjoni mal-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-industriji affettwati. Wara d-dħul fis-seħħ tal-ewwel Deċiżjoni tal-Kunsill li tagħmel il-limitu massimu tal-prezz applikabbli, il-Kummissjoni se tkompli ssejjaħ laqgħat bħal dawn biex tivvaluta, *inter alia*, prattiki ta' evażjoni potenzjali tal-limitu massimu tal-prezz, bħat-tneħħija tal-bandiera tal-bastimenti, u l-impatt tagħhom fuq l-effettività. tal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezz, u se tipproponi soluzzjonijiet xierqa.

(11) Il-limitu massimu tal-prezz għandu japplika għat-trasport marittimu lejn pajjiżi terzi ta' żejt mhux maħdum u ċerti prodotti tal-petroleum u għall-forniment ta' servizzi relatati. Dan bl-ebda mod ma jaffettwa l-eċċezzjonijiet li jippermettu lil ċerti Stati Membri jkomplu jimportaw żejt mhux maħdum u prodotti tal-petroleum mir-Russja minħabba s-sitwazzjoni speċifika tagħhom jew f'każ li l-provvista ta' żejt mhux maħdum permezz ta' pipeline mir-Russja tiġi interrotta għal raġunijiet barra mill-kontroll tagħhom. Il-proġetti speċifiċi li huma essenzjali għas-sigurtà tal-enerġija ta' ċerti pajjiżi terzi jistgħu jiġu eżentati mil-limitu massimu tal-prezz. Dik L-eżenzjoni jenħtieġ li tkun marbuta biż-żmien, sabiex jiġi żgurat li tibqa' adegwata, u tkun tista' tiġġedded, jekk dan ikun iġġustifikat mill-ħtiġijiet tas-sigurtà tal-enerġija tal-pajjiż terz.

(12) Il-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet jiddependi fuq proċess ta' attestazzjoni li jippermetti lill-operaturi fil-katina tal-provvista taż-żejt Russu li jinġarr bil-baħar biex juru li nxtara bil-limitu massimu tal-prezz jew taħtu. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kunsill, toħroġ gwida biex tispeċifika l-aspetti prattiċi tal-applikazzjoni tal-limitu massimu tal-prezz sabiex tiffaċilita l-applikazzjoni uniformi u tippermetti kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni u globalment.

(13) Apparti l-projbizzjonijiet eżistenti relatati mal-forniment ta' servizzi għat-trasport marittimu ta' żejt mhux maħdum u ċerti prodotti tal-petroleum lejn pajjiżi terzi, id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 tipprojbixxi ulterjorment it-trasport marittimu ta' dawn l-oġġetti lejn pajjiżi terzi. Dik il-projbizzjoni ma għandhiex tkun applikabbli sakemm il-Kunsill ma jadottax il-miżuri meħtieġa li jagħmlu applikabbli l-limitu massimu tal-prezz, u sa meta l-Kunsill jagħmel dan.

(14) Fil-każ li bastiment taħt il-bandiera ta' pajjiż terz ikun ittrasporta żejt mhux maħdum Russu jew prodotti tal-petroleum mixtrija bi prezz ogħla mil-limitu massimu tal-prezz, jenħtieġ li jkun ipprojbit li tingħata assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, inkluża l-assigurazzjoni, relatati ma' kwalunkwe trasport fil-futur minn dak il-bastiment ta' żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum.

(15) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 tespandi wkoll il-projbizzjoni ta' involviment fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' ċerti persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi tal-Istat Russu, jew ikkontrollati mill-Istat Russu, billi tinkludi projbizzjoni fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni li jokkupaw kwalunkwe kariga fil-korpi governattivi ta' dawk il-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi.

(16) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 iżżid mal-lista ta' entitajiet tal-Istat Russu, jew ikkontrollati mill-Istat Russu li huma soġġetti għall-projbizzjoni fuq tranżazzjonijiet ir-Reġistru Marittimu Russu għat-Tbaħħir, entità li hija 100% tal-Istat li twettaq attivitajiet relatati mal-klassifikazzjoni u l-ispezzjoni, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, ta' bastimenti u biċċiet tal-baħar Russi u mhux Russi. Dik iż-żieda tipprojbixxi l-għoti ta' kwalunkwe tip ta' benefiċċju ekonomikament siewi lir-Reġistru Marittimu Russu għat-Tbaħħir. Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 tirrikjedi wkoll l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-Istati Membri lir-Reġistru Marittimu Russu għat-Tbaħħir skont id-Direttiva 2005/65/KE ([6]), 2009/15/KE ([7]) jew (UE) 2016/1629 ([8]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 ([9]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu tali rtirar f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 391/2009 ([10]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2016/1629, ir-rikonoxximent tal-Unjoni tar-Reġistru Marittimu Russu għat-Tbaħħir jenħtieġ li jiġi rtirat.

(17) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 testendi l-projbizzjoni fuq l-aċċess għall-portijiet u l-imgħalaq fit-territorju tal-Unjoni għal bastimenti ċċertifikati mir-Russian Maritime Register of Shipping.

(18) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 tneħħi l-limitu għall-projbizzjoni eżistenti fuq il-forniment ta' kartieri tal-kriptoassi, kontijiet jew servizzi ta' kustodja lil persuni u residenti Russi, u b'hekk tipprojbixxi l-forniment ta' dawn is-servizzi irrispettivament mill-valur totali ta' tali kriptoassi.

(19) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 testendi l-projbizzjoni eżistenti fuq il-forniment ta' ċerti servizzi lill-Federazzjoni Russa billi tipprojbixxi l-forniment ta' servizzi arkitettoniċi u ta' inġinerija kif ukoll ta' servizzi ta' konsulenza tal-IT u servizzi ta' konsulenza legali. F'konformità mal-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif stabbilita fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, Nru 77, CPC prov, 1991, "Servizzi arkitettoniċi u tal-inġinerija" tkopri kemm is-servizzi arkitettoniċi u kemm dawk tal-inġinerija, kif ukoll is-servizzi integrati tal-inġinerija, l-ippjanar urban u s-servizzi arkitettoniċi tal-pajsaġġ, u s-servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika relatati mal-inġinerija. L-għoti ta' assistenza teknika relatata ma' oġġetti esportati lejn ir-Russja jibqa' permess, dment li l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment tal-provvista jew l-esportazzjoni ta' tali oġġetti ma jkunux ipprojbiti skont dan ir-Regolament fiż-żmien meta tiġi pprovduta tali assistenza teknika. "Servizzi ta' konsulenza tal-IT" tkopri s-servizzi ta' konsulenza relatati mal-installazzjoni ta' hardware tal-kompjuter, inklużi s-servizzi ta' assistenza lill-klijenti biex jinstallaw hardware tal-kompjuter (jiġifieri tagħmir fiżiku) u networks tal-kompjuter, u servizzi għall-implimentazzjoni ta' software, inkluż is-servizzi kollha li jinvolvu servizzi ta' konsulenza dwar software kif ukoll l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tiegħu. "Servizzi konsultattivi legali" tkopri: l-għoti ta' pariri legali lill-klijenti fi kwistjonijiet mhux kontenzjużi, inkluż tranżazzjonijiet kummerċjali, li jinvolvu l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tal-liġi; il-parteċipazzjoni ma' jew f'isem klijenti fi tranżazzjonijiet kummerċjali, negozjati kummerċjali u negozjati oħra ma' partijiet terzi; u t-tħejjija, l-eżekuzzjoni u l-verifika ta' dokumenti legali. "Servizzi konsultattivi legali" ma tinkludi l-ebda rappreżentazzjoni, parir, tħejjija ta' dokumenti ujew verifika ta' dokumenti fil-kuntest ta' servizzi ta' rappreżentanza legali, jiġifieri fi kwistjonijiet jew proċedimenti quddiem aġenziji amministrattivi, qrati jew tribunali uffiċjali oħra debitament kostitwiti, jew fi proċedimenti ta' arbitraġġ jew ta' medjazzjoni.

---

([6]) Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28).

([7]) Id-Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi. (Riformulazzjoni) (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 47).

([8]) Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118).

([9]) Ir-Regolament Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6)

([10]) Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11).

(20) Fl-aħħar nett, id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1909 tagħmel ċerti korrezzjonijiet tekniċi fit-test operattiv u f'ċerti annessi.

(21) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u għalhekk, b'mod partikolari bl-għan li tiġi ggarantita l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġ azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.

(22) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 2aa*

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretta jew indiretta, ta' armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom kif elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

2. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, jew għall-użu fir-Russja.

---

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jimplimenta l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabrikar illeċitu ta' u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, komponenti u ammunizzjoni tagħhom, li tissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) u li jistabbilixxi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, u miżuri rigward l-importazzjoni u t-transitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-ammunizzjoni (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 1).";

(2) L-Artikolu 3c huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. Fir-rigward tal-prodotti elenkati fil-Parti A tal-Anness XI, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4, sat-28 ta' Marzu 2022, ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel is-26 ta' Frar 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5a. Fir-rigward tal-oġġetti elenkati fil-Parti B tal-Anness XI, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sas-6 ta' Novembru 2022 ta' kuntratti konklużi qabel is-7 ta' Ottubru 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"6a. B'deroga mill-paragrafi 1 u 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt tali kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti elenkati fil-Parti B tal-Anness XI, jew assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għall-produzzjoni ta' oġġetti tat-titanju meħtieġa fl-industrija tal-ajrunawtika, li għalihom ma tkun disponibbli l-ebda provvista alternattiva.".

(3) L-Artikolu 3ea huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll, wara t-8 ta' April 2023, għal kwalunkwe bastiment ċertifikat mir-Russian Maritime Register of Shipping.";

(b) fil-paragrafu 3, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 1a, bastiment ifisser:"

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-paragrafi 1 u 1a ma għandhomx japplikaw fil-każ ta' bastiment li jeħtieġ assistenza biex ifittex post ta' rifuġju, biex jieqaf f'port ta' emerġenza għal raġunijiet ta' sikurezza marittima, jew biex tiġi salvata l-ħajja fuq il-baħar."

(d) fil-paragrafu 5, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"5. B'deroga mill-paragrafi 1 u 1a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-aċċess minn bastiment għal port jew magħlaq, bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċess ikun neċessarju għal:";

(e) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

'5b. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, bastiment biex jaċċessa port jew magħlaq dment li:

(a) tajjar il-bandiera tal-Federazzjoni Russa taħt reġistrazzjoni ta' charter bareboat effettwata inizjalment qabel l-24 ta' Frar 2022;

(b) reġa' beda d-dritt tiegħu li jtajjar il-bandiera tar-reġistru sottostanti tal-Istat Membru qabel il-31 ta' Jannar 2023; u

(c) ma jkunx proprjetà, mikrija, operata jew ikkontrollata b'xi mod ieħor minn ċittadin Russu jew kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi tal-Federazzjoni Russa.';

(4) L-Artikolu 3g, huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) l-importazzjoni jew xiri, mit-30 ta' Settembru 2023, direttament jew indirettament, ta' prodotti tal-ħadid u tal-azzar kif elenkati fl-Anness XVII meta pproċessati f'pajjiż terz li jinkorporaw prodotti tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw mir-Russja kif elenkati fl-Anness XVII; fir-rigward ta' prodotti elenkati fl-Anness XVII ipproċessati f'pajjiż terz li jinkorporaw prodotti tal-azzar li joriġinaw mir-Russja bil-kodiċi NM 7207 11 jew 7207 12 10, din il-projbizzjoni għandha tapplika mill-1 ta' April 2024 għall-kodiċi NM 7207 11 u mill-1 ta' Ottubru 2024 għall-kodiċi NM 7207 12 10;";

(b) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:

"(e) il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, inklużi d-derivattivi finanzjarji, kif ukoll ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-projbizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b) (c) u (d).";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fir-rigward tal-prodotti elenkati fil-Parti A tal-Anness XVII, u irrispettivament minn jekk ikunu elenkati fil-Parti B ta' dak l-Anness jew le, il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1, sas-17 ta' Ġunju 2022, ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel is-16 ta' Marzu 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(d) jiżdiedu il-paragrafi li ġejjin:

"3. Fir-rigward tal-oġġetti elenkati fil-Parti B tal-Anness XVII li mhumiex elenkati fil-Parti A ta' dak l-Anness, u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-8 ta' Jannar 2023 ta' kuntratti konklużi qabel is-7 ta' Ottubru 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti." Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7207 11 u 7207 12 10, li għalihom japplikaw il-paragrafi 4 u 5.

4. Il-projbizzjonijiet fil-punti (a), (b), (c) u (e) tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport, jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata, tal-kwantitajiet li ġejjin ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7207 12 10:

(a) 3 747 905 tunnellata metrika bejn is-7 ta' Ottubru 2022 u t-30 ta' Settembru 2023;

(b) 3 747 905 tunnellata metrika bejn l-1 ta' Ottubru 2023 u t-30 ta' Settembru 2024.5.

5. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport, jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata, tal-kwantitajiet li ġejjin ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7207 11:

(a) 487 202 tunnellata metrika bejn 7 ta' Ottubru 2022 u t-30 ta' Settembru 2023;

(b) 85 260 tunnellata mettrika bejn 1 October 2023 u l-31 ta' Diċembru 2023;

(c) 48 720 tunnellata mettrika bejn l-1 ta' Jannar 2024 u l-31 ta' Marzu 2024.

6. Il-kwoti ta' volum ta' importazzjoni stabbiliti fil-paragrafi 4 u 5 għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni għall-kwoti tariffarji prevista fl-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 (*).

7. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-oġġetti elenkati fl-Anness XVII, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għat-twaqqif, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-provvista tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili, il-provvista ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.

8. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 7 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).";

(5) L-Artikolu 3i huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fir-rigward tal-prodotti elenkati fil-Parti A tal-Anness XXI, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2, sal-10 ta' Lulju 2022, ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel id-9 ta' April 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(b) jiddaħlu l-paragrafi li ġejjin:

"3a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal xiri fir-Russja li huwa meħtieġ għall-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew għall-użu personali ta' ċittadini tal-Istati Membri u l-membri immedjati tal-familja tagħhom.

3b. Fir-rigward tal-oġġetti elenkati fil-Parti B tal-Anness XXI, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-8 ta' Jannar 2023 ta' kuntratti konklużi qabel is-7 ta' Ottubru 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3c. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-oġġetti elenkati fl-Anness XXI, jew l-għoti ta' għajnuna teknika u finanzjarja relatata, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għat-twaqqif, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-provvista tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza ta' kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, il-provvista ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 3c fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(6) fl-Artikolu 3j, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment fl-Unjoni, direttament jew indirettament, ta' faħam u prodotti oħra, kif elenkati fl-Anness XXII, jekk dawn joriġinaw mir-Russja jew jiġu esportati mir-Russja.";

(7) l-Artikolu 3k huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt in-NM 2701, 2702, 2703 u 2704 kif elenkati fl-Anness XXIII, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-8 ta' Jannar 2023 ta' kuntratti konklużi qabel is-7 ta' Ottubru 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(b) fil-paragrafu 5, jiżdied il-punt li ġej:

"(c) it-twaqqif, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-provvista tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili, il-provvista ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.";

(8) L-Artikolu 3n huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel l-4 ta' Ġunju 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti sa:

(a) il-5 ta' Diċembru 2022, għaż-żejt mhux maħdum li jaqa' taħt in-NM 2709 00;

(b) il-5 ta' Frar 2023, għall-prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt in-NM 2710.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma tapplikax għall-pagament ta' pretensjonijiet tal-assigurazzjoni wara l-5 ta' Diċembru 2022, għal żejt mhux maħdum li jaqa' taħt in-NM 2709 00, jew wara l-5 ta' Frar 2023, għal prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt in-NM 2710, abbażi ta' kuntratti tal-assigurazzjoni konklużi qabel l-4 ta' Ġunju 2022 u dment li l-kopertura tal-assigurazzjoni tkun waqfet sad-data rilevanti.

4. Għandu jkun ipprojbit it-trasport, inkluż permezz ta' trasferimenti minn vapur għall-ieħor, lejn pajjiżi terzi, ta' żejt mhux maħdum li jaqa' taħt in-NM 2709 00, mill-5 ta' Diċembru 2022, jew ta' prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt in-NM 2710, mill-5 ta' Frar 2023, kif elenkati fl-Anness XXV, li joriġinaw mir-Russja jew li jkunu ġew esportati mir-Russja.

5. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 4 għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ewwel De`i#joni tal-Kunsill li temenda l-Anness XI tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK skont l-Artikolu 4p(9)(a) ta' dik id-Deċiżjoni.

Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' kull Deċiżjoni tal-Kunsill sussegwenti li temenda l-Anness XI tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, il-projbizzjoni fil-paragrafu 4 ma għandhiex tapplika, għal perjodu ta' 90 jum, għat-trasport ta' prodotti elenkati fl-Anness XXV għal dan ir-Regolament li joriġinaw fir-Russja jew li ġew esportati mir-Russja, sakemm:

(a) it-trasport ikun ibbażat fuq kuntratt konkluż qabel dik id-data tad-dħul fis-seħħ; u

(b) il-prezz tax-xiri għal kull barmil ma jaqbiżx il-prezz stabbilit fl-Anness XXVIII ta' dan ir-Regolament fid-data tal-konklużjoni ta' dak il-kuntratt.

6. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw:

(a) mill-5 ta' Diċembru 2022, għaż-żejt mhux maħdum li jaqa' taħt in-NM 2709 00, u mill-5 ta' Frar 2023, għal prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt in-NM 2710, li joriġinaw mir-Russja jew li jkunu ġew esportati mir-Russja, dment li l-prezz tax-xiri għal kull barmil ta' dawn il-prodotti ma jaqbiżx il-prezz stabbilit fl-Anness XXVIII;

(b) għal żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum kif elenkati fl-Anness XXV meta dawn l-oġġetti joriġinaw minn pajjiż terz u jkunu biss qed jitgħabbew mir-Russja, jitilqu minnha jew jittranżitaw minnha, dment li kemm l-oriġini kif ukoll is-sid ta' dawk l-oġġetti ma jkunux Russi.

(c) għat-trasport, jew għal assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata ma' tali trasport, tal-prodotti msemmijin fl-Anness XXIX lejn il-pajjiżi terzi msemmijin fih, għat-tul ta' żmien speċifikat f'dak l-Anness.

7. Fil-każ li, wara d-dħul fis-seħħ ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Anness XI tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK, bastiment ikun ittrasporta ż-żejt mhux maħdum jew il-prodotti tal-petroleum imsemmija fil-paragrafu 4 li l-prezz tax-xiri tagħhom għal kull barmil qabeż il-prezz stabbilit fl-Anness XXVIII ta' dan ir-Regolament fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt għal tali xiri, għandu jkun ipprojbit minn hemm 'il quddiem li jiġu pprovduti s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 relatati mat-trasport ta' żejt mhux maħdum jew mal-prodotti tal-petroleum minn dak il-bastiment.

8. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-forniment ta' servizzi tal' bdoti meħtieġa għal raġunijiet ta' sikurezza marittima.";

(9) L-Artikolu 5aa huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Mit-22 ta' Ottubru 2022 għandu jkun ipprojbit li tinżamm kwalunkwe kariga fil-korpi governattivi ta' kwalunkwe persuna ġuridika, korp jew entità msemmija fil-paragrafu 1.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika, sal-15 ta' Mejju 2022, għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi ma' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmi fil-Parti A tal-Anness XIX qabel is-16 ta' Marzu 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kuntratti.";

(c) il-paragrafu 2a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmijin fil-Parti A tal-Anness XIX, li jirċievu pagamenti dovuti skont kuntratti li jkunu saru qabel il-15 ta' Mejju 2022.";

(d) jiżdiedu il-paragrafi li ġejjin:

"2b. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-eżekuzzjoni sat-8 ta' Jannar 2023 ta' kuntratti konklużi ma' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmijin fil-Parti B tal-Anness XIX qabel is-7 ta' Ottubru 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

2c. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmijin fil-Parti B tal-Anness XIX, li jirċievu pagamenti dovuti skont kuntratti li jkunu saru qabel it-8 ta' Jannar 2023.";

(e) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“4. B’deroga mill-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u fl-Artikolu 21(3) tad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**), ir-rikonoxximent mill-Unjoni tar-Reġistru Marittimu Russu għat-Tbaħħir skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 u d-Direttiva (UE) 2016/1629 huwa rtirat.

---

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11).

(**) Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p 118).”;

(10) fl-Artikolu 5b, il-paragrafu 2 jinbidel b’dan li ġej:

“2. Għandu jkun ipprojbit il-forniment ta’ kartieri tal-kriptoassi, kontijiet jew servizzi ta’ kustodja lil ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja, jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.”;

(11) fl-Artikolu 5m, il-paragrafu 4 jinbidel b’dan li ġej:

“4. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw meta l-fiduċjarju jew il-benefiċjarju jkun ċittadin ta’ Stat Membru, ta’ pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera, jew persuna fiżika li jkollha permess ta’ residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru, f’pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera.”;

(12) L-Artikolu 5n huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 5n*

1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, dirett jew indirett, ta’ kontabilità, awditjar, inkluż l-awditjar statutorju, iż-żamma tal-kotba u servizzi ta’ konsulenza dwar it-taxxa, jew servizzi ta’ konsulenza maniġerjali u dwar in-negozju jew servizzi ta’ relazzjonijiet pubbliċi lil:

(a) il-Gvern tar-Russja; jew

(b) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.

2. Għandu jkun ipprojbit l-għoti, dirett jew indirett, ta’ servizzi arkitettoniċi u ta’ inġinerija, servizzi ta’ konsulenza legali u servizzi ta’ konsulenza tal-IT lil:

(a) il-Gvern tar-Russja; jew

(b) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-forniment ta’ servizzi li huma strettament neċessarji għat-terminazzjoni, sal-5 ta’ Lulju 2022, ta’ kuntratti li mhumiex konformi ma’ dan l-Artikolu konklużi qabel l-4 ta’ Ġunju 2022, jew ta’ kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta’ tali kuntratti.

4. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għall-forniment ta’ servizzi li huma strettament meħtieġa għat-terminazzjoni sat-8 ta’ Jannar 2023 ta’ kuntratti li ma jikkonformawx ma’ dan l-Artikolu konklużi qabel is-7 ta’ Ottubru 2022, jew ta’ kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta’ tali kuntratti.

5. Il-paragrafu 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta’ servizzi li huma strettament meħtieġa għall-eżerċizzju tad-dritt ta’ difiża fi proċedimenti ġudizzjarji u d-dritt għal rimedju legali effettiv.

6. Il-paragrafu 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta’ servizzi li huma strettament meħtieġa biex jiġi żgurat aċċess għal proċedimenti ġudizzjarji, amministrattivi jew ta’ arbitraġġ fi Stat Membru, jew għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta’ sentenza jew deċiżjoni ta’ arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, dment li tali forniment ta’ servizzi jkunkonsistenti mal-objettivi ta’ dan ir-Regolament u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 (*).

7. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' servizzi maħsuba għall-użu esklużiv ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja li huma proprjetà ta', jew kkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru, pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera, jew pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness VIII.

8. Il-paragrafi 2 ma għandux japplika għall-forniment ta' servizzi meħtieġa għall-emerġenzi tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.

9. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għall-forniment ta' servizzi meħtieġa għall-aġġornamenti tas-softwer għal użu mhux militari u għal utent aħħari mhux militari, permess mill-Artikoli 2(3)(d) u 2a(3)(d) b'rabta ma' oġġetti elenkati fl-Anness VII.

10. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw is-servizzi msemmijin fihom, bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawn huma neċessarji għal:

(a) skopijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inklużi l-provvisti mediċi, l-ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u l-assistenza relatata jew għall-evakwazzjonijiet; jew

(b) attivitajiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu direttament id- demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem jew l-istat tad-dritt fir-Russja; jew

(c) il-funzjonament ta' rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew pajjiżi sħab fir-Russja, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali.

11. B'deroga mill-paragrafu 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw is-servizzi msemmijin fihom, bil-kondizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawn huma meħtieġa għal:

(a) l-iżgurar tal-provvista kritika tal-enerġija fl-Unjoni u x-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni tat-titanju, l-aluminju, ir-ram, in-nikil, il-palladju u l-mineral tal-ħadid;

(b) l-iżgurar tat-tħaddim kontinwu tal-infrastrutturi, hardware u software li huma kritiċi għas-saħħa u s-sigurtà tal-bniedem, jew għas-sikurezza tal-ambjent;

(c) it-twaqqif, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-provvista tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili, il-provvista ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp; jew

(d) il-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika mill-operaturi tat-telekomunikazzjoni tal-Unjoni meħtieġa għat-tħaddim, il-manutenzjoni u s-sigurtà, inkluż iċ-ċibersigurtà, ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, fir-Russja, fl-Ukrajna, fl-Unjoni, bejn ir-Russja u l-Unjoni, u bejn l-Ukrajna u l-Unjoni, u għal servizzi ta' ċentri tad-data fl-Unjoni.

12. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 9, 10 u 11 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

---

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6).";

(13) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 7a*

Il-Kummissjoni għandha temenda:

(a) l-Anness XXVIII, f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Kunsill li jemendaw id-Deċiżjoni 2014/512/PESK biex jiġu aġġornati il-prezzijiet miftiehma mill- Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet; kif ukoll

(b) l-Anness XXIX, f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Kunsill li jemendaw id-Deċiżjoni 2014/512/PESK biex tiġi aġġornata l-lista ta' proġetti tal-enerġija eżentati abbażi ta' kriterji ta' eliġibbiltà oġġettivi miftiehma mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet.";

(14) L-Anness VII huwa emendat skont l-Anness I għal dan ir-Regolament;

(15) L-Anness VIII huwa emendat skont l-Anness II għal dan ir-Regolament;

(16) L-Anness XI huwa emendat skont l-Anness III għal dan ir-Regolament;

(17) L-Anness XVII huwa emendat skont l-Anness IV għal dan ir-Regolament;

(18) L-Anness XIX huwa emendat skont l-Anness V għal dan ir-Regolament;

(19) L-Anness XXI huwa emendat skont l-Anness VI għal dan ir-Regolament;

(20) L-Anness XXIII huwa emendat skont l-Anness VII għal dan ir-Regolament;

(21) L-Anness XXVIII jiddaħħal skont l-Anness VIII għal dan ir-Regolament;

(22) L-Anness XXIX jiddaħħal skont l-Anness IX għal dan ir-Regolament.

*Artikoli 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ottubru 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. BEK

*ANNESS I*

L-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) tiżdied l-intestatura li ġejja wara t-titolu "Lista ta' prodotti u teknoloġija msemmija fl-Artikoli 2a(1) u 2b(1)";

"Parti A";

(2) fil-"Kategorija VIII — Prodotti mixxellanji" jiddaħħlu l-prodotti li ġejjin:

"X.A.VIII.020 Armi u apparat maħsuba għall-fini tal-kontroll tal-irvellijiet jew awtodifiża, kif ġej:

a. Armi ta' skariku elettriku li jistgħu jinġarru li jistgħu jimmiraw biss lejn individwu wieħed kull darba li jkun amministrat xokk elettriku, inkluż iżda mhux limitat għal-lembubi tax-xokkijiet elettriċi, tarki tax-xokkijiet elettriċi, pistoli tax-xokkijiet u pistoli tad-darts tax-xokkijiet;

b. Kits li fihom il-komponenti essenzjali kollha għall-armar ta' armi tal-iskariku elettriku li jinġarru, ikkontrollati mill-prodott X.A.VIII.020.a; jew

*Nota: Il-prodotti li ġejjin jitqiesu li huma komponenti essenzjali:*

*1. L-unità li tipproduċi xokk elettriku;*

*2. L-iswiċċ, kemm jekk fuq remote control kemm jekk le; kif ukoll*

| 7211 14 | prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew ta' azzar mhux liga, b'wisa' ta' < 600 mm, mhux maħdumin aktar ħlief illaminati bis-sħana, ta' ħxuna ta' = 4,75 mm (minbarra "ċatti wesgħin") |
| 7211 29 | prodotti ta' ħadid jew ta' azzar mhux liga laminati ċatti, b'wisa' < 600 mm, sempliċement laminati bil-kiesaħ "kesħa mnaqqsa", mhux kurazzati, plakkati jew miksija, li skont il-piż fihom >= 0,25% ta' karbonju |
| 7212 10 | prodotti ta' ħadid jew ta' azzar mhux liga rrumblati ċatt, wisgħin < 600 mm, irrumblati bis-sħana jew irrumblati kesħin "kesħa mnaqqsa", bil-landa |
| 7212 60 | prodotti ta' ħadid jew ta' azzar mhux liga rrumblati ċatt, wisgħin < 600 mm, irrumblati bis-sħana jew irrumblati kesħin "kesħa mnaqqsa", miksijin |
| 7213 20 | biċċiet u vireg, irrumblati bis-sħana, f'koljaturi mkebbin b'mod irregolari, ta' azzar free-cutting mhux illigat (minbarra biċċiet u vireg li fihom infushom jidhlu 'l ġewwa, b'ribs, b'gruvs jew b'deformazzjonijiet oħrajn prodotti matul il-proċess tal-irrumblar) |
| 7213 99 | biċċiet u vireg, irrumblati bis-sħana, f'koljaturi mkebbin b'mod irregolari, tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat (minbarra prodotti b'sezzjoni trasversali tonda b'dijametru ta' <14 mm, biċċiet u vireg tal-azzar free-cutting, u biċċiet u vireg b'għafsiet, kustilji, skanalaturi jew deformazzjonijiet oħra prodotti matul il-proċess tal-irrumblar) |
| 7215 50 | biċċiet u vireg, tal-ħadid jew azzar mhux illigat, mhux maħdum aktar minbarra ffurmat bil-kesħa jew komplut bil-kesħa (minbarra ta' azzar li jista' jinħadem mill-magni) |
| 7216 10 | qatgħat u, i jew h, tal-ħadid jew azzar mhux illigat, mhux maħdumin aktar minbarra rrumblati bis-sħana, miġbudin jew maħruġin bis-sħana, għoljin >= 80 mm |
| 7216 22 | qatgħat t, tal-ħadid jew azzar mhux illigat mhux maħdumin aktar minbarra rrumblati bis-sħana, miġbudin jew maħruġin bis-sħana, għoljin < 80 mm |
| 7216 33 | qatgħat h, tal-ħadid jew azzar mhux illigat, mhux maħdumin aktar minbarra rrumblati sħan, miġbuda sħan jew estrużi sħan, b'għoli ta' >= 80 mm |
| 7216 69 | angoli, forom u sezzjonijiet, tal-ħadid jew azzar mhux illigat, mhux maħduma aktar minbarra ffurmati bil-kesħa jew kompluti bil-kesħa (minbarra folji profilati) |
| 7218 91 | prodotti nofshom lesti ta' stainless steel, ta' wiċċ ta' qatgħa rettangulari "mhux kwadru" |
| 7219 24 | prodotti rrumblati ċatti tal-istainless steel, ta' wisa' > = 600 mm, mhux maħdumin aktar minn illaminati sħan, f'kojlaturi, ta' ħxuna ta' <3 mm |
| 7222 30 | staneg u vireg oħrajn tal-istainless steel, iffurmati fil-kesħa jew irfinuti fil-kesħa u maħdumin aktar, jew mhux maħdumin aktar minbarra mikwijin fil-forġa, jew mikwijin fil-forġa, jew iffurmati bis-sħana b'mezzi oħra u maħdumin aktar |

| Kodiċi ĊN | Isem l-oġġett |
|---|---|
| 7224 10 | azzar, liga, barra inossidabbli, f'ingotti u forom oħrajn primarji (minbarra skart u fdal f'forma ta' ingotti, u prodotti miksuba minn tidwib kontinwu) |
| 7225 19 | prodotti tal-azzar irrumblati ċatti magħmula minn azzar silikon-elettriku, b'wisa' ta' > = 600 mm, bil-vina mhux orjentata |
| 7225 30 | prodotti rrumblati ċatti ta' azzar liga minbarra l-istainless steel, b'wisa ta' > = 600 mm, mhux maħdumin aktar minn illaminati bis-sħana, f'kojlijiet (barra minn prodotti tal-azzar silikon-elettriku) |
| 7225 99 | prodotti rrumblati ċatti ta' azzar liga minbarra l-istainless steel, b'wisa' ta' > = 600 mm, illaminat bis-sħana jew illaminat bil-kesħa "cold-reduced" u maħdumin aktar (minbarra miksijin jew mgħottijin biż-żingu u prodotti ta' azzar silikon-elettriku) |
| 7226 91 | prodotti rrumblati ċatti ta' azzar liga minbarra l-istainless steel, b'wisa' ta' 600 mm, mhux maħdumin aktar minbarra illaminati bis-sħana (minbarra prodotti ta' azzar b'veloċità għolja jew azzar silikon-elettriku) |
| 7228 30 | biċċiet u vireg tal-liga tal-azzar minbarra li ma ssaddadx, mhux maħduma aktar minbarra rrumblati sħan, miġbuda sħan jew estrużi (minbarra prodotti tal-azzar b'veloċità għolja jew azzar tas-siliko-manganiż, prodotti nofshom lesti, prodotti rrumblati ċatti u biċċiet u vireg irrumblati sħan f'kolji mkebbin b'mod irregolari) |
| 7228 60 | biċċiet u vireg, tal-ħadid jew tal-azzar mhux liga, iffurmati bil-kesħa jew irfinuti bil-kesħa u maħdumin aktar, jew mikwijin bil-forġa u maħdumin aktar, mhux speċifikati band'oħra. (minbarra prodotti tal-azzar b'veloċità għolja jew azzar tas-siliko-manganiż, prodotti nofshom lesti, prodotti rrumblati ċatti u biċċiet u vireg irrumblati sħan f'kolji mkebbin b'mod irregolari) |
| 7228 70 | angoli, forom u sezzjonijiet tal-liga tal-azzar minbarra li ma ssaddadx, mhux speċifikati x'imkien ieħor |
| 7228 80 | biċċiet u vireg hollow drill, ta' liga tal-azzar jew tal-azzar li mhux liga |
| 7229 90 | wajer tal-azzar illigat għajr l-istainless steel, f'koljaturi (minbarra biċċiet u vireg u wajer tal-azzar siliko-manganiż) |
| 7301 20 | angoli, forom u qatgħat tal-ħadid jew tal-azzar mhux liga |
| 7304 24 | casing, tubi u pajp għat-tħaffir, biċċa waħda, ta' tip użat fit-tħaffir għal żejt jew gass, tal- istainless steel |
| 7305 39 | tubi u pajpijiet li jkollhom profil sezzjonali ċirkolari u dijametru estern ta' > 406,4 mm, tal-ħadid jew l-azzar, iwweldjati (minbarra prodotti wweldjati mit-tul jew ta' tip użat għal linji ta' pajpijiet taż-żejt jew tal-gass jew ta' tip użat għat-tħaffir għaż-żejt jew il-gass) |
| 7306 50 | Tubi, pajpijiet u profili vojta, iwweldjati, b'wiċċ ċirkolari, tal-liga tal-azzar minbarra li ma ssaddadx (minbarra tubi u pajpijiet li għandhom uċuħ ċirkolari ta' ġewwa u ta' barra u dijametru minn barra ta' > 406,4 mm, u pajpijiet tal-linja ta' tip użat għas-sistemi tal-pajpijiet għaż-żejt jew għall-gass jew kaxxetti jew tubi ta' tip użat fit-tħaffir għaż-żejt jew għall-gass) |
| 7307 22 | Liwjiet minkeb, liwjiet u sleeves bil-kamin |
| 7309 00 | Reservoirs, tankijiet, btieti u kontenituri simili għal kwalunkwe materjal (għajr għal gass kompressat jew likwifikat), tal-ħadid jew tal-azzar, ta' kapaċità li taqbeż it-300 l, inforrati jew iżolati għas-sħana jew le, iżda mhux mgħammrin b'tagħmir mekkaniku jew termali |
| 7314 12 | Faxex bla tmiem ta' wajer tal-istainless steel, għal makkinarju |
| 7318 24 | Kavilji u ċavi, tal-ħadid jew l-azzar |
| 7320 20 | Molol elikali, tal-ħadid jew tal-azzar (minbarra molol spirali ċatti, molol tal-arloġġi u tal-arloġġi tal-idejn, molol għal bsaten u mankijiet ta' umbrelel jew parasoli, u assorbituri tax-xokkijiet tat-Taqsima 17) |

| Kodiċi ĊN | Isem l-oġġett |
|---|---|
| 7322 90 | Heaters tal-arja u distributuri ta’ arja sħuna, inklużi distributuri li jistgħu jfornu wkoll arja friska jew kundizzjonata, mhux imsaħħnin bl-elettriku, li fihom fann jew blower imħaddmin b’mutur, u l-partijiet għalihom, tal-ħadid jew tal-azzar |
| 7324 29 | banjijiet ta’ folja tal-azzar |
| 7407 10 | biċċiet (bars), vireg u profili, ta’ ram raffinat |
| 7408 11 | wajer ta’ ram raffinat, b’dimensjoni massima ta’ taqsima trasversali ta’ > 6 mm |
| 7408 19 | wajer ta’ ram raffinat, b’dimensjoni massima ta’ taqsima trasversali ta’ <= 6 mm |
| 7409 11 | pjanċi, folji u strixxi, ta’ ram raffinat, f’kojlaturi, ta’ ħxuna ta’ > 0,15 mm (minbarra ta’ folji u strixxi “expanded” u strixxi iżolati mill-elettriku) |
| 7409 19 | pjanċi, folji u strixxi, ta’ ram raffinat, mhux f’kojlaturi, ta’ ħxuna ta’ > 0,15 mm (minbarra folji u strixxi “expanded” u strixxi iżolati mill-elettriku) |
| 7409 40 | pjanċi, folji u strixxi, tal-ligi bażi tar-ram-nikil “kupro-nikil” jew ligi bażi tar-ram-nikil-żingu “fidda tan-nikil”, ta’ ħxuna ta’ > 0,15 mm (minbarra folji u strixxi espanduti u strixxi iżolati elettrikament) |
| 7411 29 | tubi u pajpijiet tal-ligi tar-ram (minbarra ligi bażi ta’ ram-żingu “ram isfar”, ligi bażi ta’ ram-nikil “kupro-nikil” u ligi bażi ta’ ram-nikil-żingu “fidda tan-nikil”) |
| 7415 21 | woxers, “inklużi woxers bil-molla u woxers li jsakkru bil-molla”, tar-ram |
| 7505 11 | biċċiet, vireg, profili u wajers, ta’ nikil mhux illigat, mhux speċifikati x’imkien ieħor (minbarra prodotti iżolati elettrikament) |
| 7505 21 | wajer ta’ nikil mhux illigat (minbarra prodotti iżolati elettrikament) |
| 7506 10 | pjanċi, folji, strixxi u fojl, ta’ nikil mhux liga (,minbarra pjanċi, folji jew strixxi espanduti) |
| 7507 11 | tubi u pajpijiet tan-nikil mhux liga |
| 7508 90 | oġġetti tan-nikil |
| 7605 19 | Wajer ta’ aluminju mhux liga, b’dimensjoni massima tat-taqsima trasversali ta’ <= 7 mm (esklużi wajers, kejbils, ħbula u oġġetti oħrajn tal-intestatura 7614, wajers iżolati mill-elettriku, spag għal strumenti mużikali) |
| 7605 29 | Wajer, ta’ ligi tal-aluminju, li jkollhom dimensjoni trasversali massima ta’ <= 7 mm (minbarra wajers bil-fili, kejbils, ħbula u oġġetti oħra tal-intestatura 7614, wajers iżolati elettrikament, kordi għall-istrumenti mużikali) |
| 7606 92 | Pjanċi, folji, u strixxi, ta’ ligi tal-aluminju, ta’ ħxuna ta’ > 0,2 mm (ħlief dawk kwadri jew rettangolari) |
| 7607 20 | Fojl tal-aluminju, fuq rinforz, ta’ ħxuna (minbarra kull rinforz) ta’ <= 0,2 mm (minbarra folji stampati tal-intestatura 3212, u fojl magħmul bħala materjal tat-tiżjin tas-siġra tal-Milied) |
| 7611 00 | Ġwiebi, tankijiet, vats u kontenituri simili, tal-aluminju, għal kwalunkwe materjal (ħlief gass kompressat jew likwifikat), b’kapaċità ta’ > 300 l, mhux mgħammrin b’tagħmir mekkaniku jew termali, kemm jekk inforrati jew iżolati għas-sħana u kemm jekk le (esklużi kontenituri mibnijin jew mgħammrin apposta għal tip ta’ trasport wieħed jew aktar) |
| 7612 90 | btieti, krietel, laned, kaxxi u kontenituri simili, inklużi kontenituri tubulari riġidi, tal-aluminju, għal kwalunkwe materjal (minbarra gass kompressat jew likwifikat), ta’ kapaċità ta’ <= 300 l, mhux speċifikati x’imkien ieħor |
| 7613 00 | Kontenituri tal-aluminju għal gass kompressat jew likwifikat |

| Kodiċi ĊN | Isem l-oġġett |
|---|---|
| 7616 10 | Imsiemer, taċċi, staples (għajr dawk tal-intestatura 8305), viti, boltijiet, skorfini, ganċijiet bil-kamin, rivets, kavilji, ċovi, washers u oġġetti simili |
| 7804 11 | Pjanċi, folji, strixxa u fojl ta' ċomb; trabijiet u qxur taċ-ċomb - Pjanċi, folji, strixxi u fojl - Għoljiet, strixxi u fojl ta' ħxuna (mingħajr kull rinforz) mhux aktar minn 0,2 mm |
| 7804 19 | Pjanċi, folji, strixxa u fojl ta' ċomb; trabijiet u qxur taċ-ċomb - Pjanċi, folji, strixxi u fojl - Oħrajn |
| 7905 00 | pjanċi, folji, strixxa u fojl taż-żingu. |
| 8001 20 | ligi tal-landa mhux maħduma |
| 8003 00 | Żbarri, vireg, profili u wajer tal-landa |
| 8007 00 | Oġġetti tal-landa |
| 8101 10 | trabijiet tat-tungstenu |
| 8102 97 | Skart u fdal tal-molibdenu (minbarra rmied u residwi li fihom il-molibdenu) |
| 8105 90 | Oġġetti ta' kobalt |
| 8109 31 | Skart u fdal taż-żirkonju - Li fih inqas minn parti 1\| afnju għal\|500\|parti taż-żirkonju skont il-piż |
| 8109 39 | Skart u fdal taż-żirkonju - Oħrajn |
| 8109 91 | Oġġetti taż-żirkonju - Li fihom inqas minn parti 1\|afnju sa\|500\|parti żirkonju skont il-piż |
| 8109 99 | Oġġetti taż-żirkonju - Oħrajn |
| 8202 20 | Xfafar taċ-chainsaw ta' metall bażi |
| 8207 60 | Għodod għat-tħaffir jew għall-broaching |
| 8208 10 | Skieken u xfafar li jaqtgħu għall-magni jew għal strumenti mekkaniċi - biex jinħadem il-metall |
| 8208 20 | Skieken u xfafar li jaqtgħu għall-magni jew għal strumenti mekkaniċi - biex jinħadem l-injam |
| 8208 30 | Skieken u xfafar li jaqtgħu għall-magni jew għal strumenti mekkaniċi - għall-użu mill-indusrija tal-ikel |
| 8208 90 | Skieken u xfafar li jaqtgħu, għal magni jew għal apparat mekkaniku - oħrajn |
| 8301 20 | serraturi użati għal vetturi bil-mutur, tal-metall bażi |
| 8301 70 | Ċwievet ippreżentati separatament |
| 8302 30 | Montaturi, fittings u oġġetti simili oħrajn tajbin għal vetturi bil-mutur |
| 8307 10 | tubi flessibbli tal-ħadid jew l-azzar, bit-tagħmir jew le |
| 8309 90 | Stoppers, tappijiet u għotjien, inklużi tappijiet bil-kamin u stopers tat-tferrigħ, kapsuli għall-fliexken, plaggijiet bil-kamin, għata tal-plaggijiet, siġilli u aċċessorji oħra tal-ippakkjar, tal-metall bażiku (minbarra tappijiet forma ta' kuruna) |
| 8402 12 | Bojlers bit-tubi tal-ilma bi produzzjoni ta' stim mhux aktar minn 45 tunellata metrika fis-siegħa |
| 8402 19 | Bojlers oħrajn li jiġġeneraw il-fwar, inklużi bojlers ibridi |

| Kodiċi ĊN | Isem l-oġġett |
|---|---|
| 8402 20 | Bojlers tal-ilma superimsaħħan |
| 8402 90 | Bojlers bl-istim jew bojlers oħra li jiġġeneraw fwar (għajr bojlers tal-misħun tat-tisħin ċentrali li kapaċi jipproduċu wkoll fwar bi pressjoni baxxa); Boilers tal-ilma superimsaħħan - Partijiet |
| 8404 10 | Impjant awżiljarju għall-użu ma' bojlers tal-intestatura 8402 jew 8403 pereżempju, ekonomizza-turi, superheaters, magni li jneħħu l-faħam u magni li jirkupraw il-gass |
| 8404 20 | Kondensaturi għal unitajiet tal-enerġija bl-istim jew bi fwar ieħor |
| 8404 90 | Ġeneraturi ta' gass produttur (producer gas) jew gass tal-ilma, bil-purifikaturi tagħhom jew le; ġeneraturi ta' gass ta' aċitilena u ġeneraturi simili ta' gass bi proċess tal-ilma, bil-purifikaturi tagħhom jew le - Partijiet |
| 8405 90 | partijiet tal-ġeneraturi ta' producer gas jew gass tal-ilma u ġeneraturi ta' gass ta' aċitilena jew ġeneraturi simili ta' gass bi proċess ta' ilma, mhux speċifikati x'imkien ieħor |
| 8406 90 | Turbini ta' stim u turbini ta' fwar oħrajn |
| 8412 10 | Magni ta' reazzjoni għajr turbojets |
| 8412 21 | Magni u muturi - azzjoni lineari (ċilindri) |
| 8412 29 | Magni u muturi idrawliċi - Oħrajn |
| 8412 39 | Magni u muturi pnewmatiċi - Oħrajn |
| 8414 90 | Pompi bl-arja jew bil-vakwu, kompressuri u fannijiet ta' arja jew gass ieħor; għata għal ventilazzjoni jew għal riċiklaġġ li fihom fann, mgħammar bil-filtri jew le kabinetti tas-sikurezza bijoloġiċi li ma joħroġx gass minnhom, kemm jekk mgħammrin b'filters u kemm jekk le - Partijiet |
| 8415 83 | Magni oħra tal-arja kundizzjonata, li fihom fann bil-mutur u elementi biex wieħed jibdel it-temperatura u l-umdità, inklużi dawk il-magni li fihom l-umdità ma tistax tkun irregolata separatament, li ma fihomx unità għat-tkessiħ |
| 8416 10 | burrners tal-fran għal karburant likwidu |
| 8416 20 | Burners tal-fran għall-fuel solidu ppulverizzat jew għall-gass, inklużi burners ikkombinati |
| 8416 30 | Apparat mekkaniku li jnajjar il-bajli, inklużi l-gradilji tagħhom, skargaturi mekkaniċi ta' rmied u apparat simili (minbarra burners) |
| 8416 90 | Apparat mekkaniku li jnajjar il-bajli, inklużi l-gradilji tagħhom, skargaturi mekkaniċi ta' rmied u apparat simili |
| 8417 20 | Fran tal-ħami, inklużi fran tal-gallettini, mhux elettriċi |
| 8419 19 | heaters tal-ilma istantanji jew bit-tank, mhux elettriċi (minbarra ta' heaters istantanji tal-ilma bil-gass u boilers jew heaters tal-ilma għat-tisħin ċentrali) |
| 8420 99 | Magni tal-mogħdija jew magni oħrajn bir-rombli, minbarra għal metalli jew ħġieġ, u ċilindri għalihom - Oħrajn |
| 8421 19 | Magni ċentrifugi, inklużi magni ċentrifugi li jnixxfu - oħrajn |
| 8421 91 | Partijiet ta' ċentrifugi, inklużi nixxiefa ċentrifugi, mhux speċifikati x'imkien ieħor |
| 8424 89 40 | Apparat mekkaniku għall-projezzjoni, dispersjoni jew traxxix ta' tip użat biss jew prinċipalment għall-manifattura ta' ċirkwiti stampati jew assemblaġġi ta' ċirkwiti stampati |
| 8424 90 20 | Partijiet ta' apparat mekkaniku tal-intestatura 8424 89 40 |
| 8425 11 | Sett ta' taljoli u paranki (minbarra paranki ta' gaġeġ (skip-hoists) jew paranki ta' tip użati għal irfigħ ta' vetturi), li ma jaħdmux b'mutur elettriku |

| Kodiċi ĊN | Isem l-oġġett |
|---|---|
| 8426 12 | Oqfsa tal-irfigħ mobbli fuq ir-roti u straddle carriers |
| 8426 99 | Deriks ta' vapuri; krejnijiet, inkluż krejnijiet bil-kejbil; oqfsa tal-irfigħ mobbli, straddle carriers u trakkijiet tax-xogħol mgħammrin bi krejn - Oħrajn |
| 8428 20 | Skalaturi u conveyors pnewmatiċi |
| 8428 32 | Skalaturi u trasportaturi oħrajn li jaħdmu l-ħin kollu, għal oġġetti jew materjal - Oħrajn, tip ta' barmil |
| 8428 33 | Skalaturi u trasportaturi oħrajn li jaħdmu l-ħin kollu, għal oġġetti jew materjali - Oħrajn, tip ta' ċinturin |
| 8428 90 | Makkinarju ieħor |
| 8429 19 | Buldowżers u angledozers - Oħrajn |
| 8429 59 | Pali mekkaniċi, gafef u magni għat-tagħbija ta' pali - Oħrajn |
| 8430 10 | Magni għall-ingastar jew il-qlugħ tal-puntali |
| 8430 39 | Magni għal qtugħ ta' faħam jew blat u makkinarju għal tħaffir ta' mini - Oħrajn |
| 8439 10 | Makkinarju għall-produzzjoni tal-polpa minn materjal ċellulożiku fibruż |
| 8439 30 | Makkinarju għall-finitura tal-karta jew tal-kartun |
| 8440 90 | Makkinarju għall-illegar tal-kotba, inklużi magni tal-ħjata tal-kotba - Partijiet |
| 8441 30 | Magni għall-produzzjoni ta' kaxxi tal-kartun, kaxxi, kaxxetti, tubi, ċilindri jew kontenituri simili, għajr permezz tax-xogħol bil-mol |
| 8442 40 | Partijiet tal-makkinarju, apparat u tagħmir imsemmi fuq |
| 8443 13 | Makkinarju ieħor għall-istampar offset |
| 8443 15 | Makkinarju għall-istampar tipografiku, għajr dak li jieħu r-rombli tal-karta, ħlief stampar flessografiku |
| 8443 16 | Makkinarju għall-istampar flessografiku |
| 8443 17 | Makkinarju għal stampar b'fotoinċiżjoni |
| 8443 91 | Partijiet u aċċessorji ta' makkinarju tal-istampar użat għall-istampar permezz ta' folji, ċilindri u komponenti oħra tal-istampar tal-intestatura 8442 |
| 8444 00 | Magni għall-estrużjoni, il-ġbid, it-tessurizzazzjoni jew il-qtugħ ta' materjali tessili magħmulin mill-bniedem |
| 8448 11 | Dobbies u jacquards; magni li jnaqqsu t-tqardix, jikkupjaw, itaqqu jew jimmuntaw biex jintużaw magħhom |
| 8448 19 | Makkinarju awżiljari għal magni tal-intestaturi 8444, 8445, 8446 jew 8447 - Oħrajn |
| 8448 33 | Mgħażel u flyers tal-imgħażel, ċrieki tal-insiġ u mexxejja taċ-ċrieki |
| 8448 42 | Qasab għan-nwiel, nir tan-newl u oqfsa tan-nir |
| 8448 49 | Partijiet u aċċessorji ta' magni tal-insiġ (nwiel) jew tal-makkinarju awżiljarju tagħhom - Oħrajn |
| 8448 51 | Sinkers, labar u oġġetti oħrajn użati biex isiru l-ponti |
| 8451 10 | Magni tad-dry cleaning |
| 8451 29 | Magni tat-tnixxif - Oħrajn |
| 8451 30 | Magni tal-mogħdija u preses (inklużi preses li jġonġu) |

| Kodiċi ĊN | Isem l-oġġett |
|---|---|
| 8451 90 | Makkinarju (ħlief magni tal-intestatura 8450) għal ħasil, tindif, għasir, tnixxif, mgħodija, ippressar (inklużi preses li jġonġu), ibbliċjar, żbigħ, tiżjin, irfinar, kisi jew mili b'sustanza oħra ta' ħjut ta' tessuti, drappijiet jew oġġetti tessili magħmulin u magni biex tiġi applikata l-pasta lid-drapp bażi jew lil irfid ieħor użati fil-manifattura ta' kisi tal-art bħal linoleum; magni għal tkebbib, ħall, tini, qtugħ jew titqib kemm kemm ta' drappijiet ta' tessuti - Partijiet |
| 8453 10 | Makkinarju għall-preparazzjoni, l-ikkonzar jew xogħol tal-ġlud |
| 8453 80 | Makkinarju ieħor |
| 8453 90 | Makkinarju għal preparazzjoni, ikkonzar jew xogħol ta' ġlud (hides, skins u leathers) jew biex jintgħamel jew jissewwa xedd tas-saqajn jew oġġetti oħrajn ta' ġlud, minbarra magni tal-ħjata |
| 8454 10 | Konvertituri |
| 8459 10 | Magni way-type b'ras waħda |
| 8459 70 | Magni oħrajn għal qtugħ ta' kamini esterni jew għall-ittapsjar |
| 8461 20 | Magni tal-iffurmar jew tal-islotting, għall-ħdim tal-metalli, karburi tal-metall jew ċermiti |
| 8461 30 | Magni tas-sbroaching, għall-ħdim tal-metalli, karburi tal-metall jew ċermiti |
| 8461 40 | Magni għall-qtugħ, ħdim jew finitura tal-gerijiet |
| 8461 90 | Makkinarju għodda għall-inċanar, iffurmar, qtugħ ta' kanali, broaching, għall-qtugħ, immolar jew finitura tal-gerijiet, isserrar, qtugħ barra u għodod ta' magni oħrajn li jaħdmu billi jneħħu metall jew ċermiti, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra - Oħrajn |
| 8465 20 | Ċentri tal-immaxinjar |
| 8465 93 | Magni li jimmolaw, jixkatlaw jew jillostraw |
| 8465 94 | Magni li jgħawġu jew li jassemblaw |
| 8466 10 | Holders tal-għodda u dieheads jinfetħu waħedhom |
| 8466 91 | Partijiet u aċċessorji oħra adatti għal użu biss jew prinċipalment mal-magni tal-intestaturi 8456 sa 8465, inkużi holders tax-xogħol jew tal-għodod, irjus taż-żebgħa li jinfethu waħedhom, irjus li jaqsmu u twaħħil ieħor speċjali għall-magni; howlders għall-għodda għal kull tip ta' għodda biex taħdem fl-idejn - Għal magni tal-intestatura 8464 |
| 8466 92 | Partijiet u aċċessorji oħra adatti għal użu biss jew prinċipalment mal-magni tal-intestaturi 8456 sa 8465, inkużi holders tax-xogħol jew tal-għodod, irjus taż-żebgħa li jinfethu waħedhom, irjus li jaqsmu u twaħħil ieħor speċjali għall-magni; howlders għall-għodda għal kull tip ta' għodda biex taħdem fl-idejn - Għal magni tal-intestatura 8465 |
| 8472 10 | Magni duplikaturi |
| 8472 30 | Magni li jagħżlu jew jitwu l-posta jew idaħħlu l-posta ġo envelopes jew ġo strixxi, magni li jiftħu, jagħlqu jew jissiġillaw il-posta u magni li jwaħħlu jew jittimbraw bolol postali |
| 8473 21 | Partijiet u aċċessorji tal-magni elettroniċi li jikkalkulaw tas-subintestatura 8470 10, 8470 21 jew 8470 29 |
| 8474 10 | Magni li jagħżlu, jgħarblu, jisseparaw jew jaħslu |
| 8474 39 | Magni li jħalltu jew jagħġnu - Oħrajn |

| Kodiċi ĊN | Isem l-oġġett |
|---|---|
| 8474 80 | Makkinarju li jagħżel, jgħarbel, jissepara, jaħsel, ifarrak, jogħrok, iħallat jew jagħġen trab tal-art, ġebel, metall mhux maħdum jew sustanzi minerali oħrajn, f'forma solida (inkluż trab jew pasta); makkinarju li jgħaqqad, jagħti sura jew jifforma karburanti minerali solidi, pasta taċ-ċeramika, simenti mhux imwebbsin, materjali tat-tikħil jew prodotti minerali oħrajn f'forma ta' trab jew pasta; magni li jagħmlu forom tar-ramel għal funderija - Makkinarju ieħor |
| 8475 21 | Magni għall-manifattura tal-fibri ottiċi u materjal preformat tagħhom |
| 8475 29 | Magni għal manifattura jew xogħol bis-sħana ta' ħġieġ jew oġġetti ta' ħġieġ |
| 8475 90 | Magni għal immuntar ta' lampi elettriċi jew elettroniċi, tubi jew valvi jew bozoz tal-flaxx, f'envelops tal-ħġieġ; Magni għal manifattura jew xogħol bis-sħana ta' ħġieġ jew oġġetti ta' ħġieġ - Partijiet |
| 8477 40 | Magni tal-iffurmar b'vakwu u magni oħrajn tal-iffurmar termali |
| 8477 51 | Biex jiffurmaw jew jerġgħu jagħmlu l-uċuħ ta' tajers pnewmatiċi jew biex jiffurmaw jew jagħtu sura mod ieħor lit-tubi ta' ġewwa |
| 8479 10 | Makkinarju għal xogħlijiet pubbliċi, bini pubbliku jew bħalhom |
| 8479 30 | Preses għall-manifattura tal-particle board jew board tal-fibri għall-bini, tal-injam jew ta' materjali oħrajn mill-injam u makkinarju ieħor għat-trattament tal-injam u tas-sufra |
| 8479 50 | Robots industrijali, mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra |
| 8479 90 | Magni u apparat mekkaniku b'funzjonijiet individwali, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra f'dan il-Kapitolu - Partijiet |
| 8480 20 | Bażijiet ta' forom |
| 8480 30 | Disinji għax-xogħol bil-mol |
| 8480 60 | Forom għal materjali minerali |
| 8481 10 | Valvi biex inaqqsu l-pressa |
| 8481 20 | Valvi għal trażmissjonijiet oleoidrawliċi jew pnewmatiċi |
| 8481 40 | Valvi tas-sigurezza jew tas-solljev tal-pressjoni |
| 8482 20 | Bearings bir-rombli ġejjin għad-djieq, inklużi assemblaġġi ta' koni u rombli ġejjin għad-djieq |
| 8482 91 | Boċċi, labar u rombli |
| 8482 99 | Parts oħrajn |
| 8484 10 | Gaskits u ġonot simili ta' folji tal-metall ikkombinati ma' materjal ieħor jew ta' żewġ saffi jew aktar tal-metall |
| 8484 20 | Siġilli mekkaniċi |
| 8484 90 | Gaskits u ġonot simili ta' folji tal-metall ikkombinati ma' materjal ieħor jew ta' żewġ saffi jew aktar tal-metall settijiet jew assortimenti ta' gaskits u ġonot simili, mhux l-istess fil-kompożizzjoni, ippreżentati f'boroż, enveloppi jew pakki simili; siġilli mekkaniċi - Oħrajn |
| 8501 33 | Muturi DC oħrajn; Ġeneraturi DC, għajr ġeneraturi fotovoltajċi - bi produzzjoni ta' enerġija aktar minn 75 kW iżda mhux aktar minn 375 kW |
| 8501 62 | Ġeneraturi AC (alternaturi), minbarra ġeneraturi fotovoltajċi bi produzzjoni ta' enerġija aktar minn 75 kVA iżda mhux aktar minn 375 kVA |
| 8501 63 | Ġeneraturi AC (alternaturi), minbarra ġeneraturi fotovoltajċi bi produzzjoni ta' enerġija aktar minn 375 kVA iżda mhux aktar minn 750 kVA |
| 8501 64 | Ġeneraturi AC (alternaturi), minbarra ġeneraturi fotovoltajċi bi produzzjoni ta' enerġija aktar minn 750 kVA |

| Kodiċi ĊN | Isem l-oġġett |
|---|---|
| 8502 31 | Settijiet tal-ġeneraturi, li jaħdmu bir-riħ |
| 8502 39 | Settijiet ta' ġenerazzjoni oħrajn - Oħrajn |
| 8502 40 | Konvertituri rotatorji tal-elettriku |
| 8504 33 | B'kapaċità ta' maniġġar ta' enerġija aktar minn 16 kVA iżda mhux aktar minn 500 kVA |
| 8504 34 | B'kapaċità ta' mmaniġġar tal-elettriku ta' aktar minn 500 kVA |
| 8505 20 | Couplings, klaċċijiet u brejkijiet elettromanjetiċi |
| 8506 90 | Ċelloli primarji u batteriji primarji - Partijiet |
| 8507 30 | Akkumulaturi elettriċi, inklużi separaturi għalihom, rettangulari (inklużi kwadri) jew le - Nikil-Kadmju |
| 8514 31 | Fran b'raġġi ta' elettroni |
| 8525 50 | Apparat tat-trażmissjoni |
| 8530 90 | Sinjalar tal-elettriku, tagħmir ta' sigurtà jew kontroll ta' traffiku għal ferroviji, linji tat-tramm, toroq, kanali interni, faċilitajiet għal ipparkjar għal kanali interni, installazzjonijiet tal-port jew mtajar minbarra dawk tal-intestatura 8608) - Partijiet |
| 8532 10 | Capacitors fissi ddisinjati biex jintużaw f'ċirkwiti ta' 50/60 Hz u b'kapaċità reattiva għall-enerġija ta' >= 0,5 kvar "capacitors tal-enerġija" |
| 8533 29 | Reżistenzi fissi oħrajn - Oħrajn |
| 8535 30 | Swiċċijiet ta' iżolazzjoni u swiċċijiet make-and-break |
| 8535 90 | Apparat elettriku biex jixgħel (switching) jew jipproteġi ċirkwiti tal-elettriku, jew biex joħloq konnessjonijiet ma' jew ġo ċirkwiti tal-elettriku (pereżempju, swiċċijiet, fjusijiet, apparat li jilqa' kontra s-sajjetti, apparat li jillimita l-vultaġġ, apparat li jrażżan it-tlugħ f'daqqa tal-kurrent, plaggs u kaxex fejn jingħaqdu l-cables), għal vultaġġ ogħla minn 1 000 V - Oħrajn |
| 8539 41 | Lampi b'arka |
| 8540 20 | Tubi tat-telekamera; converters u intensifikaturi tal-immaġni; tubi oħrajn bil-fotokatodu |
| 8540 60 | Tubi katodiċi oħrajn |
| 8540 79 | Tubi microwave (pereżempju magnetrons, klystrons, tubi b'mewġa mobbli, carcinotrons), minbarra tubi bi grilja għall-kontroll - Oħrajn |
| 8540 81 | Valvi u tubi tar-riċevituri jew tal-amplifikaturi |
| 8540 89 | Valvi u tubi oħrajn - Oħrajn |
| 8540 91 | Partijiet minn tubi bir-raġġi tal-katodu |
| 8540 99 | Parts oħrajn |
| 8543 10 | Aċċelleraturi tal-partikoli |
| 8547 90 | Tagħmir li jiżola għal magni, għodod jew tagħmir elettriku, li huwa tagħmir kompletament ta' materjal iżolatur ħlief xi komponenti minuri ta' metall (pereżempju, sokits bil-kamin) imdaħħlin waqt id-dħul fil-forma sempliċiment għal għanijiet ta' immuntar, ħlief iżolaturi tal-intestatura 8546; tubi u ġonot ta' kondjuwit tal-elettriku għalihom, ta' metall ta' valur baxx miksi b'materjal iżolatur - Oħrajn |
| 8602 90 | Lokomotivi ferrovjarji oħra (bl-esklużjoni ta' dawk li jaħdmu b'sors estern tal-elettriku jew b'akkumulaturi u lokomotivi diżil-elettriċi) |

| Kodiċi ĊN | Isem l-oġġett |
|---|---|
| 8604 00 | Vetturi ta’ manutenzjoni jew servizz għall-binarji jew tal-linji tat-tramm, awtopropulsivj jew le (pereż. workshops, krejnijiet, ballast tampers, trackliners, kowċijiet għall-ittestjar u vetturi għall-ispezzjonar tal-linji) |
| 8606 92 | Vannijiet u vaguni oħrajn tal-merkanzija tal-ferrovija jew tal-linja tat-tramm, mhux motorizzati - Miftuħin, bi ġnub li ma jitneħħewx ta’ għoli aktar minn 60 cm |
| 8701 21 | Tratturi tat-triq għal semitrailers - B’magna li titqabbad b’kompressjoni biss b’pistuni b’kombustjoni interna (diżil jew semidiżil) |
| 8701 22 | Tratturi tat-triq għal semitrailers - Kemm b’magna li titqabbad b’kompressjoni b’pistuni b’kombustjoni interna (diżil jew semidiżil) kif ukoll b’mutur elettriku bħala muturi għall-propulsjoni |
| 8701 23 | Tratturi tat-triq għal semitrailers - Kemm b’magna li titqabbad bi xrara b’pistuni b’kombustjoni interna kif ukoll b’mutur elettriku bħala muturi għall-propulsjoni |
| 8701 24 | Tratturi tat-triq għal semitrailers - B’mutur elettriku biss għall-propulsjoni |
| 8701 30 | Tratturi biċ-ċineg (bl-esklużjoni ta’ dawk ikkontrollati minn persuni bil-mixi) |
| 8704 10 | Vetturi li jferrgħu l-oġġetti ta’ ġo fihom maħsuba għall-użu mhux fit-toroq prinċipali |
| 8704 22 | Vetturi bil-mutur oħrajn għat-trasport ta’ merkanzija - b’piż gross tal-vettura ta’ aktar minn 5 tunnellati iżda mhux aktar minn 20 tunnellata: |
| 8704 32 | Vetturi bil-mutur oħrajn għat-trasport ta’ merkanzija - b’piż gross tal-vettura ta’ aktar minn 5 tunnellati |
| 8705 20 | Deriks mobbli għat-tħaffir |
| 8705 30 | Vetturi għat-tifi tan-nar |
| 8705 90 | Vetturi bil-mutur b’għanijiet speċjali, minbarra dawk prinċipalment maħsubin għat-trasport ta’ persuni u oġġetti (pereżempju, trakkijiet għall-ħsarat, trakkijiet krejn, vetturi għat-tifi tan-nar, trakkijiet tal-miksers tal-konkos, trakkijiet għall-knis tat-toroq, trakkijiet biex ibexxu, ħwienet tax-xogħol mobbli, unitajiet radjoloġiċi mobbli) - Oħrajn |
| 8709 90 | Trakkijiet tax-xogħol, li jimxu minnhom infushom (self-propelled), mhux armati b’tagħmir ta’ rfigħ jew maniġġar, tat-tip użat f’fabbriki, mħażen, madwar baċini jew ajruporti għal trasport fil-qosor ta’ oġġetti; trakters tat-tip użat fuq pjattaformi ta’ stazzjonijiet tal-ferrovija; partijiet minn dawn il-vetturi ta’ hawn fuq - Partijiet |
| 8716 20 | Trailers u semitrailers li jitgħabbew jew jinħattu waħedhom għal għanijiet agrikoli |
| 8716 39 | Trailers u semitrailers oħrajn għat-trasport ta’ oġġetti - Oħrajn |
| 9010 10 | Apparat u tagħmir għall-iżvilupp awtomatiku ta’ pellikola jew karta fotografiċi (inklużi ċinematografiċi) f’rombli jew biex ikun espost awtomatikament il-film żviluppat fuq rombli ta’ karta fotografika |
| 9015 40 | Strumenti u apparat topometriċi fotogrammetriċi |
| 9015 80 | Strumenti u apparati oħrajn |
| 9015 90 | Strumenti u tagħmir għal kejl tal-art (surveying) (inkluż kejl fotogrammetriku), idrografiċi, oċeanografiċi, idroloġiċi, meteoroloġiċi jew ġeofiżiċi, ħlief boxxli; rangefinders - Partijiet u aċċessorji |
| 9029 10 | Kuntjaturi tar-rivoluzzjonijiet, kuntjaturi tal-produzzjoni, tassimetri, milometri, pedometri u bħalhom |
| 9031 20 | Bankijiet tat-test |
| 9032 81 | Strumenti u apparat awtomatiċi oħrajn ta’ regolamentazzjoni jew kontroll, idrawliċi jew pnewmatiċi - Oħrajn |

| Kodiċi ĊN | Isem l-oġġett |
|---|---|
| 9401 10 | Sedili għall-inġenji tal-ajru |
| 9401 20 | Sedili għal vetturi bil-mutur |
| 9403 30 | Għamara tal-injam li tintuża fl-uffiċċji |
| 9406 10 | Bini prefabbrikat tal-injam |
| 9406 90 | Bini prefabbrikat, komplut jew diġà mmuntat jew le - Oħrajn |
| 9606 30 | Forom tal-buttuni u partijiet oħrajn tal-buttuni; mammi tal-buttuni |
| 9608 91 | Ponot tal-pinen u truf tal-ponot |
| 9612 20 | Ta' fibri magħmulin mill-bniedem, wesgħin inqas minn 30 mm, imqegħdin permanentament ġo skrataċ ta' plastik jew metall bħal dawk użati f'tajpwrajters awtomatiċi, f'tagħmir ta' ipproċessar ta' dejta awtomatiku u f'magni oħrajn." |

*ANNESS VIII*

Fir-Regolament (UE) Nru 833/2014, jiżdied l-Anness li ġej:

*"ANNESS XXVIII*

**Prezzijiet imsemmija fl-Artikolu 3n(6)(a)**

[tabella bil-kodiċijiet NM tal-prodotti u bil-prezzijiet korrispondenti kif miftiehma mill- Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet]."

*ANNESS IX*

Fir-Regolament (UE) Nru 833/2014, jiżdied l-Anness li ġej:

*“ANNESS XXIX*

Lista ta’ proġetti msemmija fl-Artikolu 3n(6)(c)

| Ambitu tal-eżenzjoni | Data tal-applikazzjoni | Data tal-iskadenza |
|---|---|---|
| It-trasport bil-bastiment lejn il-Ġappun, l-assistenza teknika, is-servizzi ta’ senserija, l-iffinanzjar jew l-assistenza finanzjarja relatati ma’ dan it-trasport, ta’ żejt grezz li jaqa’ taħt NM 2709 00 imħallat ma’ kondensat, li joriġina fil-proġett Sakhalin-2 (Сахалин-2), li jinsab ir-Russja, | 5 ta’ Diċembru 2022 | 5 ta’ Ġunju 2023”. |

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/1905**

**tas-6 ta' Ottubru 2022**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 ([2]) jagħti effett lill-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(2) Fis-6 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1907 ([3]) li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK, li introduċiet kriterju ulterjuri għall-elenkar ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni li fondi u riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għal persuni u entitajiet deżinjati. Id-Deċiżjoni PESK 2022/1907 introduċiet ukoll aktar derogi mill-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni li fondi u riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli fir-rigward ta' ċerti entitajiet elenkati, u introduċiet dispożizzjonijiet addizzjonali rigward l-obbligi tal-Istati Membri rigward l-għoti ta' derogi.

(3) L-emendi għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK permezz tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/1907 jaqgħu fl-ambitu tat-Trattat u għalhekk hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu implimentati, b'mod partikolari bl-intenzjoni li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha.

(4) Jenħtieġ għalhekk, li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3(1), jiddaħħal il-punt li ġej:

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1907 tas-6 ta' Ottubru 2022 li temenda Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ara paġna 98 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

"(h) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jiffaċilitaw il-ksur tal-projbizzjoni ta' ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, tar-Regolamenti tal-Kunsill (UE) Nru 692/2014 (*), Nru 833/2014 (**) jew (UE) 2022/263 (***), jew tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2014/145/PESK (****), 2014/386/PESK (*****), 2014/512/PESK (******) jew (PESK) 2022/266 (*******),

---

(*) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 692/2014 tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni fl-Unjoni ta' oġġetti li joriġinaw fil-Krimea jew Sevastopol, minħabba l-annessjoni illegali tagħhom (ĠU L 183 24.6.2014, p. 9).

(**) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229 31.7.2014, p. 1).

(***) Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/263 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni (ĠU L 42I, 23.2.2022, p. 77).

(****) Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78 17.3.2014, p. 16).

(*****) Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar restrizzjonijiet fuq oġġetti li joriġinaw fil-Krimea jew Sevastopol, minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183 24.6.2014, p. 70).

(******) Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229 31.7.2014, p. 13).

(*******) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/266 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni (ĠU L 42I, 23.2.2022, p. 109).';

(2) l-Artikolu 6a jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 6a*

1. B'deroga mill-Artikolu 2(2), l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw pagamenti lill-Portijiet tal-Baħar tal-Krimea għal servizzi pprovduti fil-Port tas-Sajd ta' Kerch, fil-Port Kummerċjali ta' Yalta u fil-Port Kummerċjali ta' Evpatoria, u għal servizzi pprovduti minn Gosgidrografiya u minn fergħat tal-Port-Terminal tal-Portijiet tal-Baħar tal-Krimea.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(3) fl-Artikolu 6b jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"4. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu għall-entità elenkata fl-entrata numru 91 fl-Anness I, jew it-tqegħid ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni ta' dik l-entità, b'tali kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-terminazzjoni ta' tranżazzjonijiet, inkluż bejgħ, li jkunu strettament meħtieġa għall-istralċ, sal-31 ta' Diċembru 2022, ta' joint venture jew arranġament legali simili konkluż qabel is-16 ta' Marzu 2022, li jinvolvi persuna ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness XIX tar-Regolament (UE) Nru 833/2014.

5. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu għall-entità elenkata fl-entrata numru 101 fl-Anness I, jew it-tqegħid ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni ta' dik l-entità, b'talikundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-terminazzjoni sas-7 ta' Jannar 2023 ta' operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra konklużi qabel it-3 ta' Ġunju 2022 ma', jew li inkella jinvolvu lil, dik l-entità.

6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'kull awtorizzazzjoni mogħtija skont dan l-Artikolu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ottubru 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BEK

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1906**

**tas-6 ta' Ottubru 2022**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 269/2014.

(2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

(3) Fil-21 ta' Settembru 2022, minkejja diversi appelli mill-komunità internazzjonali lill-Federazzjoni Russa biex twaqqaf minnufih l-aggressjoni militari tagħha kontra l-Ukrajna, il-Federazzjoni Russa ddeċidiet li tkompli teskala l-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna billi appoġġat l-organizzazzjoni ta' "referenda" illegali fil-partijiet tar-reġjuni ta' Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia li bħalissa huma okkupati mill-Federazzjoni Russa. Il-Federazzjoni Russa kompliet teskala wkoll l-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna billi ħabbret mobilizzazzjoni fil-Federazzjoni Russa u billi reġgħet heddet li tuża armi ta' qerda massiva.

(4) Fit-28 ta' Settembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li tikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli r-"referenda" fittizji illegali li saru f'partijiet tar-reġjuni ta' Donetsk, Kherson, Luhansk, u Zaporizhzhia tal-Ukrajna li bħalissa huma parzjalment okkupati mir-Russja. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara wkoll li l-Unjoni ma tirrikonoxxix u qatt mhi ser tirrikonoxxi dawn ir-"referenda" fittizji illegali u l-eżitu ffalsifikat tagħhom, u ebda deċiżjoni meħuda abbażi ta' dan l-eżitu, u ħeġġeġ lill-Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti biex jagħmlu l-istess. Bl-organizzazzjoni ta' dawk ir-"referenda" fittizji illegali, ir-Russja kellha l-għan li tbiddel bil-forza l-fruntieri tal-Ukrajna rikonoxxuti internazzjonalment, li jikkostitwixxi ksur ċar u serju tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti ("il-Karta tan-NU"). Ir-Rappreżentant Għoli indika wkoll li dawk kollha involuti fl-organizzazzjoni ta' dawk ir-"referenda" fittizji illegali kif ukoll dawk responsabbli għal ksur ieħor tad-dritt internazzjonali fl-Ukrajna ser jinżammu responsabbli u li ser jitressqu miżuri restrittivi addizzjonali kontra r-Russja f'dan ir-rigward. Ir-Rappreżentant Għoli fakkar li l-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-konfini rikonoxxuti internazzjonalment tagħha, u tesiġi li r-Russja tirtira immedjatament, għalkollox u mingħajr kondizzjonijiet, it-truppi u t-tagħmir militari kollha tagħha mit-territorju kollu tal-Ukrajna. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara wkoll li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jappoġġaw l-isforzi tal-Ukrajna għal dan l-għan, sakemm ikun meħtieġ..

(5) Fit-30 ta' Settembru 2022, il-membri tal-Kunsill Ewropew adottaw dikjarazzjoni fejn irrifjutaw bil-qawwa u kkundannaw b'mod inekwivoku l-annessjoni illegali mir-Russja tar-reġjuni ta' Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia tal-Ukrajna. Billi intenzjonalment iddgħajjef l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u tikser b'mod sfaċċat id-drittijiet fundamentali tal-Ukrajna għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali, prinċipji ewlenin kif minquxa fil-Karta tan-NU u fid-dritt internazzjonali, ir-Russja qed tpoġġi s-sigurtà dinjija f'riskju. Il-membri tal-Kunsill Ewropew iddikjaraw li ma jirrikonoxxux u qatt mhu ser jirrikonoxxu r-"referenda" illegali li r-Russja fasslet bħala pretest għal dan il-ksur ulterjuri tal-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u lanqas ir-riżultati ffalsifikati u illegali tagħhom. Huma ddikjaraw li qatt mhu ser jirrikonoxxu l-annessjoni illegali, li dawk id-deċiżjonijiet huma nulli u bla effett u ma jistgħu jipproduċu l-ebda effett legali u li Donetsk, Kherson, Krimea, Luhansk u Zaporizhzhia huma l-Ukrajna. Huma appellaw lill-Istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha biex b'mod inekwivoku jirrifjutaw l-annessjoni illegali u fakkru li l-Ukrajna qed teżerċita

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

d-dritt leġittimu tagħha li tiddefendi lilha nnifisha kontra l-aggressjoni Russa biex terġa' tikseb il-kontroll sħiħ tat-territorju tagħha u għandha d-dritt li tillibera territorji okkupati fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Il-membri tal-Kunsill Ewropew iddikjaraw li ser isaħħu l-miżuri restrittivi tal-Unjoni kontra l-azzjonijiet illegali tar-Russja u jkomplu jżidu l-pressjoni fuq ir-Russja biex ittemm il-gwerra ta' aggressjoni tagħha.

(6) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jiżdiedu 30 persuna u seba' entitajiet responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) 269/2014.

(7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ottubru 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. BEK

*ANNESS*

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

Persuni

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "1233. | Aleksander Dmitrievich KHARICHEV<br>(Александр Дмитриевич ХАРИЧЕВ) | Data tat-twelid: 8.2.1966<br>Post tat-twelid: Kostroma, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Il-Kap tad-Diviżjoni tal-Operazzjoni tal-Kunsill tal-Istat fl-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa. Id-Diviżjoni ngħatat il-kompitu tat-tħejjijiet għar-referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1234. | Boris Yakovlevich RAPOPORT<br>(Борис Яковлевич РАПОПОРТ) | Data tat-twelid: 14.8.1967<br>Post tat-twelid: Leningrad, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa St. Petersburg, il-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Individwi assoċjati: Alexander Kharichev<br>Entitajiet assoċjati: Direttorat Presidenzjali tal-Federazzjoni Russa | Il-Viċi Kap tad-Diviżjoni tal-Operazzjoni tal-Kunsill tal-Istat fl-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa. Id-Diviżjoni ngħatat il-kompitu tat-tħejjijiet għar-referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1235. | Anton Viktorovich KOLTSOV<br>(Антон Викторович КОЛЬЦОВ) | Data tat-twelid: 24.6.1973<br>Post tat-twelid: Cherepovets, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa | Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ "Kap tal-Gvern tar-Reġjun ta' Zaporizhzhia" fit-18 ta' Lulju 2022 u kien involut fit-tħejjijiet għar-referendum illegali biex Zaporizhzhia ssir parti mill-Federazzjoni Russa.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1236. | Alexey Sergeyevich SELIVANOV<br>(Bir-Russu: Алексей Сергеевич СЕЛИВАНОВ)<br>magħruf ukoll bħala Oleksiy Sergiyovich SELIVANOV<br>(Bl-Ukren: Олексій Сергійович СЕЛІВАНОВ) | Data tat-twelid: 7.12.1980<br>Post tat-twelid: Kyiv, preċedentement magħrufa bħala Ukrainian SSR (issa l-Ukrajna)<br>Nazzjonalità: Ukrena, Russa<br>Sess: raġel<br>Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa | L-hekk imsejjaħ "Viċi Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta' Zaporizhzhia".<br>Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun okkupat ta' Zaporizhzhia responsabbli mit-tħejjijiet ta' referendum illegali biex Zaporizhzhia ssir parti mill-Federazzjoni Russa.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1237. | Anton Robertovich TITSKIY<br>(Антон Робертович ТИЦКИЙ) | Data tat-twelid: 12.2.1990<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa | Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Politika taż-Żgħażagħ tar-Reġjun ta' Zaporizhzhia" mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fit-18 ta' Lulju 2022. Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun ta' Zaporizhzhia responsabbli mit-tħejjija ta' referendum illegali biex Zaporizhzhia ssir parti mill-Federazzjoni Russa.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1238. | Sergey Vladimirovich ELISEEV<br>(Сергей Владимирович ЕЛИСЕЕВ) | Data tat-twelid: 5.5.1971<br>Post tat-twelid: Stavropol, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: Raġel<br>Indirizz: Kherson Oblast, Ukraine<br>Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa | Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ "Kap tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta' Kherson" mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fil-5 ta' Lulju 2022. Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun okkupat ta' Kherson responsabbli mit-tħejjijiet ta' referendum illegali biex Kherson isir parti mill-Federazzjoni Russa .<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1239. | Mikhail Leonidovich RODIKOV<br>(Михаил Леонидович РОДИКОВ) | Data tat-twelid: 26.1.1958<br>Post tat-twelid: Ozyory, Moscow region, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Individwi assoċjati: Sergey Eliseev<br>Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa | Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza" fl-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta' Kherson mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fl-4 ta' Lulju 2022 u huwa responsabbli għall-adattament tas-sistema edukattiva ta' Kherson għall-istandards Russi.<br>Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun okkupat ta' Kherson responsabbli mit-tħejjijiet ta' referendum illegali biex Kherson isir parti mill-Federazzjoni Russa.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1240. | Vladimir Alexandrovich BESPALOV<br>(Владимир Александрович БЕСПАЛОВ) | Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa | Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Politika Domestika" tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta' Kherson mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fl-4 ta' Lulju 2022.<br>Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun okkupat ta' Kherson responsabbli mit-tħejjijiet ta' referendum illegali biex Kherson isir parti mill-Federazzjoni Russa.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1241. | Vitaliy Pavlovich KHOTSENKO<br>(Виталий Павлович ХОЦЕЕНКО) | Data tat-twelid: 18.3.1986<br>Post tat-twelid: Dnepropetrovsk, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Ukrajna)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Indirizz: Donetsk, Ukraine | Inħatar Prim Ministru tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk fit-8 ta' Ġunju 2022 u għalhekk huwa responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1242. | Vladislav Garievich KUZNETSOV<br>(Владислав Гариевич КУЗНЕЦОВ) | Data tat-twelid: 18.3.1969<br>Post tat-twelid: Moscow, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Inħatar fit-8 ta' Ġunju 2022 l-Ewwel Viċi President tal-gvern tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk huwa responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-gvern tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1243. | Nikolay Ivanovich BULAYEV<br>(Николай Иванович БУЛАЕВ) | Data tat-twelid: 1.9.1949<br>Post tat-twelid: Kazachya Sloboda, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Il-viċi president tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Russa. F'Settembru 2022, huwa kien responsabbli għas-sorveljanza tal-proċeduri ta' votazzjoni biex jitwettqu r-"referenda" illegali dwar l-annessjoni illegali tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", u tar-Reġjuni tal-Ukrajna ta' Zaporozhzhia u Kherson mill-Federazzjoni Russa. Taħt il-gwida tiegħu, infetħu postijiet tal-votazzjoni fil-Federazzjoni Russa sabiex tiġi ffaċilitata din il-votazzjoni.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li ostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1244. | Evgeniy Alexandrovich SOLNTSEV<br>(Евгений Александрович СОЛНЦЕВ) | Data tat-twelid: 1980<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | L-hekk imsejjaħ "Viċi President tal-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" mit-8 ta' Ġunju 2022.<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa responsabbli għal li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1245. | Alexander Konstantinovich KOSTOMAROV<br>(Александр Константинович КОСТОМАРОВ) | Data tat-twelid: 13.5.1977<br>Post tat-twelid: Chelyabinsk, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | L-hekk imsejjaħ "l-Ewwel Viċi Kap tal-amministrazzjoni tal-Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" mit-8 ta' Ġunju 2022.<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa responsabbli għal li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1246. | Alan Valerievich LUSHNIKOV<br>(Алан Валерьевич ЛУШНИКОВ) | Data tat-twelid: 10.8.1976<br>Post tat-twelid: Leningrad, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa St. Petersburg, il-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Entitajiet assoċjati: JSC Kalashnikov Concern | L-akbar azzjonist tal-produttur tal-armi JSC Kalashnikov Concern. JSC Kalashnikov Concern huwa żviluppatur u manifattur Russu ta' tagħmir tal-armata, inkluż azzarini personali, missili u vetturi. Huwa kkontrollat direttament minn Rostec. Missili ggwidati tal-inġenji tal-ajru Vikhr-1 u azzarini tal-assalt AK-12 prodotti minn JSC Kalashnikov Concern intużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-2022.<br>Huwa għalhekk responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' JSC Kalashnikov Concern, li huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br>Il-korporazzjonijiet tad-difiża tar-Russja u l-individwi affiljati magħhom jibbenefikaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna li għaddejja bħalissa. JSC Kalashnikov Concern jikkontribwixxi kemm għall-provvista ta' armi lill-Forzi Armati Russi kif ukoll jibbenefika mill-ħtieġa dejjem tikber għall-armi. Għalhekk, Alan Lushnikov qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1247. | Yulia Dmitrievna CHICHERINA<br>(Юлия Дмитриевна ЧИЧЕРИНА) | Data tat-twelid: 07.8.1978<br>Post tat-twelid: Sverdlovsk, Federazzjoni Russa<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara | Hija kantanta prominenti Russa. Hija tuża l-prominenza konsiderevoli tagħha biex pubblikament iddgħajjef jew thedded l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna, pereżempju billi tmaqdar is-simboli tal-istat Ukren u turi pubblikament l-appoġġ tagħha għall-annessjoni Russa tal-Ukrajna fit-territorju Ukren okkupat mir-Russja.<br>Għaldaqstant, qed tappoġġa materjalment azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1248. | Dmitry Vitalyevich BULGAKOV<br>(Дмитрий Витальевич БУЛГАКОВ) | Data tat-twelid: 20.10.1954<br>Post tat-twelid: Verkhneye Gurovo, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa sa Settembru 2022 u Ġeneral fl-Armata Russa. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali. Barra minn hekk, huwa ġġustifika, iddefenda u appoġġa apertament il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk huwa responsabbli talli appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1249. | Yunus-Bek Bamatgireevich EVKUROV<br>(Юнус-Бек Баматгиреевич ЕВКУРОВ) | Data tat-twelid: 30.7.1963<br>Post tat-twelid: North Ossetian Autonomous SSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir-rwol huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russu b'mod ġenerali. Fid-dehriet tiegħu fil-pubbliku, jiġġustifika apertament il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Permezz tad-dehriet tiegħu fil-pubbliku u tas-sehem tiegħu fiċ-ċerimonji tal-għoti ta' premijiet u medalji, huwa jiġbor l-appoġġ domestiku għall-gwerra. Barra minn hekk, l-azzjonijiet tiegħu juru li huwa jappoġġa b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk huwa responsabbli talli appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1250. | Ruslan Khadzhismelovich TSALIKOV<br>(Руслан Хаджисмелович ЦАЛИКОВ) | Data tat-twelid: 31.7.1956<br>Post tat-twelid: Ordzhonikidze, North Ossetian Autonomous SSR (issa Vladikavkaz, the Republic of North Ossetia–Alania, Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Huwa jinsab fir-raba' post fil-ġerarkija ġenerali tat-tmexxija militari Russa. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali. Fid-diversi dehriet pubbliċi tiegħu, bħas-sehem tiegħu fil-konferenza "antifaxxista" organizzata mill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, huwa esprima appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. L-azzjonijiet tiegħu juru li huwa jappoġġa, jiġġustifika u jiddefendi b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, huwa responsabbli talli, jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politika li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1251. | Nikolay Aleksandrovich PANKOV<br>(Николай Александрович ПАНКОВ) | Data tat-twelid: 2.12.1954<br>Post tat-twelid: Maryino, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Viċi Ministru għad-Difiża, ġeneral tar-riżerva tal-armata Russa u segretarju tal-istat tal-Federazzjoni Russa. Huwa jinsab fil-ħames post fil-ġerarkija ġenerali tat-tmexxija militari Russa. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-intrapriża militari tar-Russja, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russi b'mod ġenerali. Huwa kien involut fl-iskjerament ta' truppi fl-Ukrajna. Barra minn hekk, fid-dehriet pubbliċi tiegħu huwa appoġġa u ġġustifika apertament il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa ppremja wkoll lill-paraxutisti Russi bi premijiet għas-sehem tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawk l-azzjonijiet juru li huwa jappoġġa u jiddefendi b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1252. | Yuriy Eduardovich SADOVENKO<br>(Юрий Эдуардович САДОВЕНКО) | Data tat-twelid: 11.9.1969<br>Post tat-twelid: Zhitomyr, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Ukrajna)<br>Nazzjonalità: Ukrena<br>Sess: raġel | Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, kif ukoll kap tal-Uffiċċju tal-Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, u l-Kurunell Ġeneral tal-forzi armati Russi. Huwa jinsab fis-seba’ post fil-ġerarkija ġenerali tat-tmexxija militari Russa. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-intrapriża militari tar-Russja, Yuriy Sadovenko huwa responsabbli għall-isforzi tal-gwerra Russi b’mod ġenerali. Huwa kien involut fl-iskjerament ta’ truppi fl-Ukrajna. Barra minn hekk, fid-dehriet pubbliċi tiegħu huwa appoġġa u ġġustifika apertament il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1253. | Timur Vadimovich IVANOV<br>(Тимур Вадимович ИВАНОВ) | Data tat-twelid: 15.8.1975<br>Post tat-twelid: Moscow, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Viċi Ministru attwali għad-Difiża. F’din il-pożizzjoni, huwa responsabbli għall-akkwist ta’ oġġetti militari u għall-kostruzzjoni ta’ faċilitajiet militari. Huwa jinsab fl-għaxar post fil-ġerarkija ġenerali tat-tmexxija militari Russa. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-intrapriża militari tal-Federazzjoni Russa, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russi b’mod ġenerali. Matul il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, huwa żar għal diversi drabi l-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” u l-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk” biex jispezzjona l-faċilitajiet li qed jinbnew mill-forzi okkupanti Russi. Barra minn hekk, huwa ta diversi premjijiet statali lill-persunal militari Russu midruba fil-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawk l-azzjonijiet juru li huwa jappoġġa u jiddefendi b’mod attiv il-gwerra kontra l-Ukrajna.<br>Huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1254. | Sergey Borisovich RYZHKOV<br>(Сергей Борисович РЫЖКОВ) | Data tat-twelid: 25.10.1968<br>Post tat-twelid: Voronezh, Preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Maġġur Ġeneral tal-forzi armati Russi u Kmandant tal-41 Armata Interarmi. Għalhekk huwa figura ewlenija fl-ordni tal-battalja tar-Russja u qeda rwol ċentrali fl-invażjoni u l-okkupazzjoni tat-territorju Ukren. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali.<br>Huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1255. | Aleksander Viktorovich KOCHKIN<br>(Александр Викторович КОЧКИН) | Data tat-twelid: 10.2.1957<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Direttur Eżekuttiv tal-impriża Tecmash. Tecmash hija disinjatur u manifattur ewlieni tal-missili u l-munizzjon użati mill-Forzi Armati Russi. Il-kumpanija subordinata tagħha, NPO Splav, timmanifattura lanċaturi ta' rokits multipli BM-27 Uragan u BM-30 Smerch li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Forzi Armati Russi użaw il-lanċaturi ta' rokits multipli BM-27 Uragan u BM-30 Smerch f'attakki b'munizzjon dispersiv kontra miri ċivili fl-Ukrajna li kkaġunaw bosta vittmi.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1256. | Vladimir Grigorevich KULISHOV<br>(Владимир Григорьевич КУЛИШОВ) | Data tat-twelid: 20.7.1957<br>Post tat-twelid: Rostov Oblast, Preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Kap tas-Servizz tal-Fruntieri tar-Russja u Viċi Direttur tas-Servizz tas-Sigurtà Federali (FSB) tal-Federazzjoni Russa.<br>Il-funzjonarji tas-Servizz tal-Fruntieri tal-FSB tal-Federazzjoni Russa taħt il-kmand tiegħu ħadu sehem f'operazzjonijiet sistematiċi ta' "filtrazzjoni" u deportazzjonijiet furzati ta' Ukreni mit-territorji okkupati tal-Ukrajna. Il-gwardji tal-fruntiera Russi ssuġġettaw illegalment lil ċittadini Ukreni għal interrogazzjonijiet, tfittxijiet u detenzjonijiet fit-tul.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet ju politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1257. | Nikolay Viacheslavovich RASTORGUEV<br>(Николай Вячеславович РАСТОРГУЕВ) | Data tat-twelid: 21.2.1957<br>Post tat-twelid: Lytkarino, Moscow Oblast, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Kantant Russu u membru tal-Kunsill Pubbliku tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Huwa appoġġa b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna permezz tal-ispettakli mużikali u l-attivitajiet pubbliċi tiegħu. Huwa ta spettaklu matul id-dimostrazzjoni ta' propaganda b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u l-gwerra kontra l-Ukrajna, li saret fit-18 ta' Marzu 2022 fl-Istadju Luzhniki f'Moska. Barra minn hekk, huwa ta spettakli lil suldati li kienu qed jiġġieldu fil-gwerra kontra l-Ukrajna, u ta fondi lil Donbas okkupat mir-Russja.<br>Għalhekk huwa responsabbli li, b'mod attiv jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1258. | Oleg Mikhaylovich GAZMANOV<br>(Олег Михайлович ГАЗМАНОВ) | Data tat-twelid: 22.7.1951<br>Post tat-twelid: Gusev, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Mużiċist Russu. Huwa membru tal-Kunsill Pubbliku tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, li ġie stabbilit fl-2006 bid-Digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa b'għan iddikjarat pubblikament li jiżgura kontroll ċivili fuq il-Ministeru għad-Difiża u l-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Huwa ħa sehem f'avvenimenti pubbliċi organizzati mill-Partit fil-gvern Russja Magħquda.<br>Huwa appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fid-dikjarazzjonijiet u l-ispettakli mużikali tiegħu. Huwa ġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna billi xerred allegazzjonijiet foloz dwar it-theddida tan-NATO kontra r-Russja, u l-allegata inevitabbiltà ta' gwerra akbar f'każ li ma tittieħed l-ebda azzjoni min-naħa Russa.<br>Huwa ta spettaklu matul id-dimostrazzjoni ta' propaganda b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u l-gwerra kontra l-Ukrajna, li saret fit-18 ta' Marzu 2022 fl-Istadju Luzhniki f'Moska. Huwa ta spettaklu wkoll fil-kunċert għall-membri tas-servizzi Russi midruba li ġġieldu fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Huwa wieħed mill-artisti Russi li appoġġaw pubblikament il-politika tal-President Putin dwar l-Ukrajna u l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol fl-2014.<br>Għalhekk huwa responsabbli li, b'mod attiv appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1259. | Dmitry Evgenevich SHUGAEV<br>(Дмитрий Евгеньевич ШУГАЕВ) | Data tat-twelid: 11.8.1965<br>Post tat-twelid: Moscow, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Direttur tas-Servizz Federali għall-Kooperazzjoni Militari-Teknika tal-Federazzjoni Russa (FSVTS). L-FSVTS huwa korp eżekuttiv federali responsabbli għall-kontroll u s-sorveljanza fil-qasam tal-kooperazzjoni militari-teknika bejn il-Federazzjoni Russa u pajjiżi barranin. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-kontroll u s-superviżjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni militari-teknika, kif ukoll għall-iżvilupp tal-politika tal-istat fil-qasam tal-kooperazzjoni militari-teknika, u b'hekk huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali.<br>Huwa għalhekk responsabbli għal li, jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1260. | Gennadiy Valeryevich ZHIDKO<br>(Геннадий Валериевич ЖИДКО) | Data tat-twelid: 12.9.1965<br>Post tat-twelid: Yangiabad, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa Uzbekistan)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Membru ewlieni tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. F'Ġunju 2022 ingħata l-kmand operazzjonali tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u kien jikkmanda r-Raggruppament tal-Forzi tan-Nofsinhar tar-Russja. Huwa kien involut b'mod attiv fl-iskjerament ta' truppi fl-Ukrajna u ssorvelja l-implimentazzjoni ta' ordni biex jintbagħtu minorenni Russi fit-teatru tal-gwerra Ukren. B'mod attiv jappoġġa, jiġġustifika u jiddefendi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa għalhekk responsabbli għal li, jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1261. | Aleksandr Gelyevich DUGIN<br>(Александр Гельевич ДУГИН) | Data tat-twelid: 7.1.1962<br>Post tat-twelid: Moscow, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Filosfu politiku Russu, xjentist politiku, analista, strateġista u ideologu stabbilit ta' teoriji ta' Russky mir u tal-Ewrasjaniżmu. Huwa membru tal-hekk imsejjaħ Klabb ta' Izborsk, grupp ta' riflessjoni Konservattiv Russu li jispeċjalizza fl-istudju tal-politika barranija u domestika tar-Russja.<br>Dugin iġġustifika ideoloġikament u teoloġikament l-annessjoni tal-Krimea u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u jaraha bħala l-"ħelsien" tal-Ukrajna mill-influwenza tal-Punent. L-idea fil-qalba tal-ideoloġija ta' Dugin hija l-bini ta' imperu totalitarju Ewrasjatiku ddominat mir-Russja, li jinkludi l-Ukrajna, għal raġunijiet storiċi, reliġjużi u ġeografiċi. Is-suppożizzjoni ideoloġika ta' Dugin hija li l-Ukrajna hija stat artifiċjali li qed jhedded is-sigurtà tar-Russja u tal-imperu mistħajjel Ewrasjatiku. Għaldaqstant l-invażjoni militari tal-Ukrajna kienet inevitabbli. Huwa appella lill-President Vladimir Putin biex jinvadi l-ilvant tal-Ukrajna militarment.<br>Dugin ippromwova l-kunċett tad-Dinja Russa marbut man-nazzjonaliżmu espansiv u l-politika ta' ritaljazzjoni tal-era ta' Putin, li jinvolvi l-idea ta' patrija storika li tipproteġi s-suġġetti tad-Dinja Russa. Huwa għen jirxoxta l-kunċett ta' "Novorossiya" jew "Russja Ġdida" — isem storiku, użat fl-era tal-Imperu Russu għal żona amministrattiva li llum tagħmel parti mill-Ukrajna.<br>Dugin appella għad-denażifikazzjoni tal-Ukrajna u sejjaħ lill-gvern tagħha faxxist. Huwa appoġġa b'mod attiv il-moviment separatista pro-Russu fil-Lvant tal-Ukrajna, u strumentalizza t-teorija tiegħu ta' viżjoni dinjija billi stabbilixxa l-Unjoni taż-Żgħażagħ Ewrasjatika, li kienet qed twettaq attivitajiet immirati biex idgħajfu s-sovranità tal-Ukrajna.<br>Għaldaqstant, Aleksander Dugin huwa responsabbli għal li, jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1262. | Ella Aleksandrovna PAMFILOVA<br>(Элла Александровна ПАМФИЛОВА) | Data tat-twelid: 12.9.1953<br>Post tat-twelid: Olmaliq, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l- Uzbekistan)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara | President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) tal-Federazzjoni Russa. Is-CEC hija responsabbli għall-organizzazzjoni tar-referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna. F'dan ir-rwol, Ella Aleksandrovna Pamfilova hija responsabbli għal li, tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022". |

Entitajiet

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "112. | JSC Goznak<br>(Russu: АО «Гознак») | Indirizz: 17 Mytnaya Street, Moscow, Russian Federation<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'ishma konġunti<br>Post tar-reġistrazzjoni: Il-Federazzjoni Russa<br>Numru tar-reġistrazzjoni: TIN 7813252159<br>Post prinċipali tan-negozju: Moska, il-Federazzjoni Russa<br>Entitajiet assoċjati oħra: Gvern tal-Federazzjoni Russa | Kumpanija b'ishma konġunti proprjetà tal-istat Russu responsabbli għall-manifattura ta' prodotti ta' sigurtà inkluż karti tal-flus, muniti, bolol, karti tal-identità, dokumenti siguri, ordnijiet tal-istat u midalji. Għalhekk, JSC Goznak hija responsabbli għall-istampar tal-passaporti kollha Russi, inkluż il-passaporti mqassma fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna, inkluż id-Donbas, kif ukoll għal dokumenti militari tas-Settur tad-Difiża tar-Russja. It-tqassim tal-passaporti jaqdi rwol importanti fit-tentattiv tar-Russja li "tirrussifika" u tiddistabbilizza lill-Ukrajna.<br>Għalhekk, JSC Goznak hija responsabbili li qed tappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 113. | OJSC V.A. Degtyarev Plant<br>(Russu: ОАО «Завод имени В.А. Дегтярева»)<br>magħrufa wkoll bħala Degtyarev Plant<br>(Russu: «Завод имени Дегтярева»)<br>magħrufa wkoll bħala ZiD<br>(Russu: «ЗиД») | Indirizz: 4 Truda st., Kovrov 601900 Vladimir region, Russian Federation<br>Telefon: +8 (49232) 9-12-09<br>Sit web: www.zid.ru<br>Email: zid@zid.ru<br>Individwi assoċjati: Aleksander Vladimirovich Tmenov | Kumpanija tad-difiża li tipprovdi armi lill-Forzi Armati Russi. Hija mmanifatturat il-missili Igla MANPADS, 9M119M "Refleks" u 9M120 "Ataka" u l-lanċaturi tal-missili 3UBK20 li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Degtyarev Plant hija għalhekk hija responsabbli talli appoġġat, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 114. | MKB "Fakel" imsemmi għal P.D. Grushin<br>(Russu: МКБ «Факел» имени академика П. Д. Грушина) | Indirizz: Khimki, Akademika Grushina 33, 141401 Moscow region, Russian Federation<br>Telefon: + 8 (495) 572-01-33<br>Sit web: https://www.mkbfakel.ru<br>Email: info@npofakel.ru<br>Entitajiet assoċjati: JSC Concern VKO "Almaz-Antey" | Kumpanija tad-difiża Russa li ddiżinjat is-sistemi tal-missili S-300, S-400 u TOR li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk MKB Fakel hija responsabbli talli appoġġat, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 115. | JSC Irkut Corporation<br>(Russu: Корпорация "ИРКУТ") | Indirizz: Leningradskiy Prospect 68, Moscow, 125315, Russian Federation<br>Telefon: +7 (495) 777-21-01<br>Sit web: irkut.com<br>Email: office@irkut.com<br>Individwi assoċjati: Alexander Veprev, Viċi Kap Direttur Ġenerali tal-JSC "Irkut" Corporation, u Yuri Slyusar, Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' PJSC "UAC". | Manifattur tal-inġenji tal-ajru Russu li jipprovdi inġenji tal-ajru tal-ġlied lill-Forzi Armati Russi.<br>Huwa mmanifattura l-inġenji tal-ajru tal-ġlied supermanuvrabbli Su-30SM li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, Irkut Corp huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 116. | MMZ Avangard<br>(Russu:АО "ММЗ "АВАНГАРД"") | Indirizz: Klary Tsetkin street 33, 125130, Moscow, Russian Federation<br>Telefon: +7 (495) 639-99-90<br>Sit web: https://mmzavangard.ru/<br>Email: avangardmos@mmza.ru<br>Entitajiet assoċjati: JSC Concern VKO "Almaz-Antey" | Kuntrattur fil-qasam tad-difiża li jipprovdi armi lill-Forzi Armati Russi.<br>Huwa mmanifattura missili għas-sistemi tal-missili S-300 u S-400 li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, MMZ Avangard huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 117. | JSC A. N.Ganichev Scientific and Production Association “SPLAV”<br><br>(Russu: АО “Научно-производственное объединение “СПЛАВ” имени А. Н. Ганичева”)<br><br>magħruf ukoll bħala JSC NPO “Splav” (Russu: АО НПО “Сплав”) | Indirizz: Shcheglovskaya zaseka Str. 33, Tula, 300004 Russian Federation<br><br>Telefon: +7 (4872) 46-44-09<br><br>Sit web: www.splav.org, www.splavtula.ru, сплав.рф<br><br>Email: mail@splavtula.ru<br><br>Individwi assoċjati: Aleksander Vladimirovich Smirnov<br><br>Sergey Yurevich Alekseev<br><br>Boris Andreevich Belobragin<br><br>Sergey Anatolevich Guliy<br><br>Vladimir Nikolaevich Kondaurov<br><br>Denis Nikolaevich Kochetkov<br><br>Maksim Grigorevich Rapota<br><br>Oleg Veniaminovich Stolyarov<br><br>Viktor Ivanovich Tregubov<br><br>Olga Olegovna Yakunina<br><br>Entitajiet assoċjati: JSC Research and Industrial Concern “Machine Engineering Technologies” - JSC RIC TECMASH | Manifattur tal-armi Russu li jipprovdi armi lill-Forzi Armati Russi.<br><br>Huwa pproduċa l-lanċaturi ta’ rokits multipli BM-27 Uragan u BM-30 Smerch li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Forzi Armati Russi użaw il-lanċaturi ta’ rokits multipli BM-27 Uragan u BM-30 Smerch f’attakki b’munizzjon dispersiv kontra miri ċivili fl-Ukrajna li kkaġunaw bosta vittmi.<br><br>Għalhekk NPO Splav huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 118. | Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) | Indirizz: 109012, Bol'shoy Cherkassky Pereulok, Building 9, Moscow, Russian Federation.<br>Tip ta' entità: Korp tal-istat tal-Federazzjoni Russa<br>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data ta' Reġistrazzjoni: 12.6.2002 skont il-Liġi Federali Nru 67-FZ<br>Entitajiet assoċjati oħra: Gvern tal-Federazzjoni Russa | Il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) tal-Federazzjoni Russa hija korp tal-istat Russu responsabbli għall-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet u referenda għall-Federazzjoni Russa. Bħala tali, is-CEC hija responsabbli għall-organizzazzjoni ta' referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna u għalhekk hija responsabbli talli, tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022". |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/1907

**tas-6 ta' Ottubru 2022**

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ([1]).

(2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

(3) Fil-21 ta' Settembru 2022, minkejja diversi appelli mill-komunità internazzjonali lill-Federazzjoni Russa biex twaqqaf minnufih l-aggressjoni militari tagħha kontra l-Ukrajna, il-Federazzjoni Russa ddeċidiet li tkompli teskala l-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna billi appoġġat l-organizzazzjoni ta' "referenda" illegali fil-partijiet tar-reġjuni ta' Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia li bħalissa huma okkupati mill-Federazzjoni Russa. Il-Federazzjoni Russa kompliet teskala wkoll l-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna billi ħabbret mobilizzazzjoni fil-Federazzjoni Russa u billi heddet mill-ġdid li tuża armi ta' qerda massiva.

(4) Fit-28 ta' Settembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li tikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli r-"referenda" fittizji illegali li saru f'partijiet tar-reġjuni ta' Donetsk, Kherson, Luhansk, u Zaporizhzhia tal-Ukrajna li bħalissa huma parzjalment okkupati mir-Russja. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara wkoll li l-Unjoni ma tirrikonoxxix u qatt mhi ser tirrikonoxxi dawk ir-"referenda" fittizji illegali u l-eżitu ffalsifikat tagħhom, u ebda deċiżjoni meħuda abbażi ta' dan l-eżitu, u ħeġġeġ lill-Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti biex jagħmlu l-istess. Bl-organizzazzjoni ta' dawk ir-"referenda" fittizji illegali, ir-Russja kellha l-għan li tbiddel bil-forza l-fruntieri tal-Ukrajna rikonoxxuti internazzjonalment, li jikkostitwixxi ksur ċar u serju tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti ("il-Karta tan-NU"). Ir-Rappreżentant Għoli indika wkoll li dawk kollha involuti fl-organizzazzjoni ta' dawk ir-"referenda" fittizji illegali kif ukoll dawk responsabbli għal ksur ieħor tad-dritt internazzjonali fl-Ukrajna ser jinżammu responsabbli u li ser jitressqu miżuri restrittivi addizzjonali kontra r-Russja f'dan ir-rigward. Ir-Rappreżentant Għoli fakkar li l-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-konfini rikonoxxuti internazzjonalment tagħha, u tesiġi li r-Russja tirtira immedjatament, għalkollox u mingħajr kondizzjonijiet, it-truppi u t-tagħmir militari kollha tagħha mit-territorju kollu tal-Ukrajna. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara wkoll li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jappoġġaw l-isforzi tal-Ukrajna għal dan l-għan, sakemm ikun meħtieġ.

(5) Fit-30 ta' Settembru 2022, il-membri tal-Kunsill Ewropew adottaw dikjarazzjoni fejn irrifjutaw bil-qawwa u kkundannaw b'mod inekwivoku l-annessjoni illegali mir-Russja tar-reġjuni ta' Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia tal-Ukrajna. Billi intenzjonalment iddgħajjef l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u tikser b'mod sfaċċat id-drittijiet fundamentali tal-Ukrajna għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali, prinċipji ewlenin kif minquxa fil-Karta tan-NU u fid-dritt internazzjonali, ir-Russja qed tpoġġi s-sigurtà dinjija f'riskju. Il-membri tal-Kunsill Ewropew iddikjaraw li ma jirrikonoxxux u qatt mhu ser jirrikonoxxu r-"referenda" illegali li r-Russja fasslet bħala pretest għal dan il-ksur ulterjuri tal-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u lanqas ir-riżultati ffalsifikati u illegali tagħhom. Huma ddikjaraw li qatt mhu ser jirrikonoxxu l-annessjoni

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

illegali, li dawk id-deċiżjonijiet huma nulli u bla effett u ma jistgħu jipproduċu l-ebda effett legali u li Donetsk, Kherson, Krimea, Luhansk u Zaporizhzhia huma l-Ukrajna. Huma appellaw lill-Istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha biex b'mod inekwivoku jirrifjutaw l-annessjoni illegali u fakkru li l-Ukrajna qed teżerċita d-dritt leġittimu tagħha li tiddefendi lilha nnifisha kontra l-aggressjoni Russa biex terġa' tikseb il-kontroll sħiħ tat-territorju tagħha u għandha d-dritt li tillibera territorji okkupati fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Il-membri tal-Kunsill Ewropew iddikjaraw li ser isaħħu l-miżuri restrittivi tal-Unjoni kontra l-azzjonijiet illegali tar-Russja u jkomplu jżidu l-pressjoni fuq ir-Russja biex ittemm il-gwerra ta' aggressjoni tagħha.

(6) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li 30 persuna u seba' entitajiet responsabbli għal azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

(7) Il-Kunsill iqis li l-iffaċilitar tal-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni ta' ċerti miżuri restrittivi tal-Unjoni jista' jikkontribwixxi biex jiddestabbilizza l-Ukrajna jew jipperikola l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tagħha. Għalhekk, il-Kunsill iqis li huwa meħtieġ li jiġi introdott kriterju ulterjuri ta' elenkar immirat speċifikament lejn tali faċilitazzjoni.

(8) Huwa xieraq ukoll li tiġi introdotta deroga mill-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni li fondi u riżorsi ekonomiċi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni fir-rigward ta' żewġ entitajiet elenkati, kif ukoll li jiġu inklużi dispożizzjonijiet addizzjonali dwar l-obbligi tal-Istati Membri rigward l-għoti ta' derogi.

(9) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.

(10) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiżdied il-punt li ġej:

'(f) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jiffaċilitaw il-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni, tar-Regolamenti tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 (*), (UE) Nru 692/2014 (**), (UE) Nru 833/2014 (***) jew (UE) 2022/263 (****), jew tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2014/386/PESK (*****), 2014/512/PESK (******) jew (PESK) 2022/266 (*******),

---

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6).

(**) Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 692/2014 tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 9).

(***) Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

(****) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/263 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni (ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 77).

(*****) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 70).

(******) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

(*******) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/266 tat-23 ta'Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f' dawk iż-żoni (ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 109).';

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li jmiss:

"(h) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jiffaċilitaw il-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni, tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014, (UE) Nru 692/2014, (UE) Nru 833/2014 jew (UE) 2022/263, jew Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2014/386/PESK, 2014/512/PESK jew (PESK) 2022/266,";

(b) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw pagamenti lill-Portijiet tal-Baħar tal-Krimea għal servizzi pprovduti fil-portijiet ta' Kerch Fishery Port, Yalta Commercial Port u Evpatoria Commercial Port, u għal servizzi pprovduti minn Gosgidrografiya u minn fergħat tal-Port-Terminal tal-Portijiet tal-Baħar tal-Krimea. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(c) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"18. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entità elenkata taħt l-entrata numru 91 taħt l-intestatura "Entitajiet" fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dik l-entità, taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-tlestija ta' tranżazzjonijiet, inkluż il-bejgħ, li huma strettament meħtieġa għall-istralċ, sal-31 ta' Diċembru 2022, ta' impriża konġunta jew arranġament legali simili konkluż qabel is-16 ta' Marzu 2022, li jinvolvi persuna ġuridika, entità jew korp imsemmijin fl-Anness X għad-Deċiżjoni 2014/512/PESK. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

19. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entità elenkata taħt l-entrata numru 101 taħt l-intestatura "Entitajiet" fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dik l-entità, taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-terminazzjoni sas-7 ta' Jannar 2023 ta' operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra konklużi ma' dik l-entità jew li b'xi mod jinvolvuha qabel it-3 ta' Ġunju 2022. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(3) il-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ottubru 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BEK

*ANNESS*

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

Persuni

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "1233. | Aleksander Dmitrievich KHARICHEV<br>(Александр Дмитриевич ХАРИЧЕВ) | Data tat-twelid: 8.2.1966<br>Post tat-twelid: Kostroma, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Il-Kap tad-Diviżjoni tal-Operazzjoni tal-Kunsill tal-Istat fl-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa. Id-Diviżjoni ngħatat il-kompitu tat-tħejjijiet għar-referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1234. | Boris Yakovlevich RAPOPORT<br>(Борис Яковлевич РАПОПОРТ) | Data tat-twelid: 14.8.1967<br>Post tat-twelid: Leningrad, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa St. Petersburg, il-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Individwi assoċjati: Alexander Kharichev<br>Entitajiet assoċjati: Direttorat Presidenzjali tal-Federazzjoni Russa | Il-Viċi Kap tad-Diviżjoni tal-Operazzjoni tal-Kunsill tal-Istat fl-Amministrazzjoni tal-President tal-Federazzjoni Russa. Id-Diviżjoni ngħatat il-kompitu tat-tħejjijiet għar-referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1235. | Anton Viktorovich KOLTSOV<br>(Антон Викторович КОЛЬЦОВ) | Data tat-twelid: 24.6.1973<br>Post tat-twelid: Cherepovets, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa | Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ "Kap tal-Gvern tar-Reġjun ta' Zaporizhzhia" fit-18 ta' Lulju 2022 u kien involut fit-tħejjijiet għar-referendum illegali biex Zaporizhzhia ssir parti mill-Federazzjoni Russa.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1236. | Alexey Sergeyevich SELIVANOV<br>(Bir-Russu: Алексей Сергеевич СЕЛИВАНОВ)<br>magħruf ukoll bħala Oleksiy Sergiyovich SELIVANOV<br>(Bl-Ukren: Олексій Сергійович СЕЛІВАНОВ) | Data tat-twelid: 7.12.1980<br>Post tat-twelid: Kyiv, preċedentement magħrufa bħala Ukrainian SSR (issa l-Ukrajna)<br>Nazzjonalità: Ukrena, Russa<br>Sess: raġel<br>Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa | L-hekk imsejjaħ "Viċi Kap tad-Direttorat Ewlieni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta' Zaporizhzhia".<br>Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun okkupat ta' Zaporizhzhia responsabbli mit-tħejjijiet ta' referendum illegali biex Zaporizhzhia ssir parti mill-Federazzjoni Russa.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1237. | Anton Robertovich TITSKIY<br>(Антон Робертович ТИЦКИЙ) | Data tat-twelid: 12.2.1990<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa | Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Politika taż-Żgħażagħ tar-Reġjun ta' Zaporizhzhia" mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fit-18 ta' Lulju 2022. Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun ta' Zaporizhzhia responsabbli mit-tħejjija ta' referendum illegali biex Zaporizhzhia ssir parti mill-Federazzjoni Russa.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1238. | Sergey Vladimirovich ELISEEV<br>(Сергей Владимирович ЕЛИСЕЕВ) | Data tat-twelid: 5.5.1971<br>Post tat-twelid: Stavropol, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: Raġel<br>Indirizz: Kherson Oblast, Ukraine<br>Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa | Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ "Kap tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta' Kherson" mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fil-5 ta' Lulju 2022. Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun okkupat ta' Kherson responsabbli mit-tħejjijiet ta' referendum illegali biex Kherson isir parti mill-Federazzjoni Russa .<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1239. | Mikhail Leonidovich RODIKOV<br>(Михаил Леонидович РОДИКОВ) | Data tat-twelid: 26.1.1958<br>Post tat-twelid: Ozyory, Moscow region, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Individwi assoċjati: Sergey Eliseev<br>Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa | Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza" fl-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta' Kherson mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fl-4 ta' Lulju 2022 u huwa responsabbli għall-adattament tas-sistema edukattiva ta' Kherson għall-istandards Russi.<br>Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun okkupat ta' Kherson responsabbli mit-tħejjijiet ta' referendum illegali biex Kherson isir parti mill-Federazzjoni Russa.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1240. | Vladimir Alexandrovich BESPALOV<br>(Владимир Александрович БЕСПАЛОВ) | Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Entitajiet assoċjati: Gvern tal-Federazzjoni Russa | Inħatar bħala l-hekk imsejjaħ "Ministru għall-Politika Domestika" tal-Amministrazzjoni Militari-Ċivili ta' Kherson mill-gvern tal-Federazzjoni Russa fl-4 ta' Lulju 2022.<br>Għalhekk huwa parti mill-hekk imsejjaħ gvern tar-Reġjun okkupat ta' Kherson responsabbli mit-tħejjijiet ta' referendum illegali biex Kherson isir parti mill-Federazzjoni Russa.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1241. | Vitaliy Pavlovich KHOTSENKO<br>(Виталий Павлович ХОЦЕЕНКО) | Data tat-twelid: 18.3.1986<br>Post tat-twelid: Dnepropetrovsk, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Ukrajna)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel<br>Indirizz: Donetsk, Ukraine | Inħatar Prim Ministru tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk fit-8 ta' Ġunju 2022 u għalhekk huwa responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-hekk imsejjaħ "gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk".<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1242. | Vladislav Garievich KUZNETSOV<br>(Владислав Гариевич КУЗНЕЦОВ) | Data tat-twelid: 18.3.1969<br>Post tat-twelid: Moscow, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Inħatar fit-8 ta' Ġunju 2022 l-Ewwel Viċi President tal-gvern tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u għalhekk huwa responsabbli għall-attivitajiet "governattivi" separatisti tal-gvern tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk".<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1243. | Nikolay Ivanovich BULAYEV<br>(Николай Иванович БУЛАЕВ) | Data tat-twelid: 1.9.1949<br>Post tat-twelid: Kazachya Sloboda, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Il-viċi president tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali Russa. F'Settembru 2022, huwa kien responsabbli għas-sorveljanza tal-proċeduri ta' votazzjoni biex jitwettqu r-"referenda" illegali dwar l-annessjoni illegali tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", u tar-Reġjuni tal-Ukrajna ta' Zaporozhzhia u Kherson mill-Federazzjoni Russa. Taħt il-gwida tiegħu, infetħu postijiet tal-votazzjoni fil-Federazzjoni Russa sabiex tiġi ffaċilitata din il-votazzjoni.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li ostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1244. | Evgeniy Alexandrovich SOLNTSEV<br>(Евгений Александрович СОЛНЦЕВ) | Data tat-twelid: 1980<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | L-hekk imsejjaħ "Viċi President tal-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" mit-8 ta' Ġunju 2022.<br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa responsabbli għal li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1245. | Alexander Konstantinovich KOSTOMAROV<br><br>(Александр Константинович КОСТОМАРОВ) | Data tat-twelid: 13.5.1977<br><br>Post tat-twelid: Chelyabinsk, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel | L-hekk imsejjaħ "l-Ewwel Viċi Kap tal-amministrazzjoni tal-Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" mit-8 ta' Ġunju 2022.<br><br>Billi assuma u aġixxa f'din il-kapaċità, huwa responsabbli għal li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1246. | Alan Valerievich LUSHNIKOV<br><br>(Алан Валерьевич ЛУШНИКОВ) | Data tat-twelid: 10.8.1976<br><br>Post tat-twelid: Leningrad, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa St. Petersburg, il-Federazzjoni Russa)<br><br>Nazzjonalità: Russa<br><br>Sess: raġel<br><br>Entitajiet assoċjati: JSC Kalashnikov Concern | L-akbar azzjonist tal-produttur tal-armi JSC Kalashnikov Concern. JSC Kalashnikov Concern huwa żviluppatur u manifattur Russu ta' tagħmir tal-armata, inkluż azzarini personali, missili u vetturi. Huwa kkontrollat direttament minn Rostec. Missili ggwidati tal-inġenji tal-ajru Vikhr-1 u azzarini tal-assalt AK-12 prodotti minn JSC Kalashnikov Concern intużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-2022.<br><br>Huwa għalhekk responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa assoċjat ma' JSC Kalashnikov Concern, li huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.<br><br>Il-korporazzjonijiet tad-difiża tar-Russja u l-individwi affiljati magħhom jibbenefikaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna li għaddejja bħalissa. JSC Kalashnikov Concern jikkontribwixxi kemm għall-provvista ta' armi lill-Forzi Armati Russi kif ukoll jibbenefika mill-ħtieġa dejjem tikber għall-armi. Għalhekk, Alan Lushnikov qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1247. | Yulia Dmitrievna CHICHERINA<br>(Юлия Дмитриевна ЧИЧЕРИНА) | Data tat-twelid: 07.8.1978<br>Post tat-twelid: Sverdlovsk, Federazzjoni Russa<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara | Hija kantanta prominenti Russa. Hija tuża l-prominenza konsiderevoli tagħha biex pubblikament iddgħajjef jew thedded l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna, pereżempju billi tmaqdar is-simboli tal-istat Ukren u turi pubblikament l-appoġġ tagħha għall-annessjoni Russa tal-Ukrajna fit-territorju Ukren okkupat mir-Russja.<br>Għaldaqstant, qed tappoġġa materjalment azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1248. | Dmitry Vitalyevich BULGAKOV<br>(Дмитрий Витальевич БУЛГАКОВ) | Data tat-twelid: 20.10.1954<br>Post tat-twelid: Verkhneye Gurovo, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa sa Settembru 2022 u Ġeneral fl-Armata Russa. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali. Barra minn hekk, huwa ġġustifika, iddefenda u appoġġa apertament il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk huwa responsabbli talli appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1249. | Yunus-Bek Bamatgireevich EVKUROV<br>(Юнус-Бек Баматгиреевич ЕВКУРОВ) | Data tat-twelid: 30.7.1963<br>Post tat-twelid: North Ossetian Autonomous SSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. F'dan ir-rwol huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russu b'mod ġenerali. Fid-dehriet tiegħu fil-pubbliku, jiġġustifika apertament il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Permezz tad-dehriet tiegħu fil-pubbliku u tas-sehem tiegħu fiċ-ċerimonji tal-għoti ta' premijiet u medalji, huwa jiġbor l-appoġġ domestiku għall-gwerra. Barra minn hekk, l-azzjonijiet tiegħu juru li huwa jappoġġa b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk huwa responsabbli talli appoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1250. | Ruslan Khadzhismelovich TSALIKOV<br>(Руслан Хаджисмелович ЦАЛИКОВ) | Data tat-twelid: 31.7.1956<br>Post tat-twelid: Ordzhonikidze, North Ossetian Autonomous SSR (issa Vladikavkaz, the Republic of North Ossetia–Alania, Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Huwa jinsab fir-raba' post fil-ġerarkija ġenerali tat-tmexxija militari Russa. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali. Fid-diversi dehriet pubbliċi tiegħu, bħas-sehem tiegħu fil-konferenza "antifaxxista" organizzata mill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, huwa esprima appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. L-azzjonijiet tiegħu juru li huwa jappoġġa, jiġġustifika u jiddefendi b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, huwa responsabbli talli, jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politika li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1251. | Nikolay Aleksandrovich PANKOV<br>(Николай Александрович ПАНКОВ) | Data tat-twelid: 2.12.1954<br>Post tat-twelid: Maryino, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Viċi Ministru għad-Difiża, ġeneral tar-riżerva tal-armata Russa u segretarju tal-istat tal-Federazzjoni Russa. Huwa jinsab fil-ħames post fil-ġerarkija ġenerali tat-tmexxija militari Russa. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-intrapriża militari tar-Russja, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russi b'mod ġenerali. Huwa kien involut fl-iskjerament ta' truppi fl-Ukrajna. Barra minn hekk, fid-dehriet pubbliċi tiegħu huwa appoġġa u ġġustifika apertament il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa ppremja wkoll lill-paraxutisti Russi bi premijiet għas-sehem tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawk l-azzjonijiet juru li huwa jappoġġa u jiddefendi b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1252. | Yuriy Eduardovich SADOVENKO<br>(Юрий Эдуардович САДОВЕНКО) | Data tat-twelid: 11.9.1969<br>Post tat-twelid: Zhitomyr, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Ukrajna)<br>Nazzjonalità: Ukrena<br>Sess: raġel | Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, kif ukoll kap tal-Uffiċċju tal-Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, u l-Kurunell Ġeneral tal-forzi armati Russi. Huwa jinsab fis-seba' post fil-ġerarkija ġenerali tat-tmexxija militari Russa. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-intrapriża militari tar-Russja, Yuriy Sadovenko huwa responsabbli għall-isforzi tal-gwerra Russi b'mod ġenerali. Huwa kien involut fl-iskjerament ta' truppi fl-Ukrajna. Barra minn hekk, fid-dehriet pubbliċi tiegħu huwa appoġġa u ġġustifika apertament il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1253. | Timur Vadimovich IVANOV<br>(Тимур Вадимович ИВАНОВ) | Data tat-twelid: 15.8.1975<br>Post tat-twelid: Moscow, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Viċi Ministru attwali għad-Difiża. F'din il-pożizzjoni, huwa responsabbli għall-akkwist ta' oġġetti militari u għall-kostruzzjoni ta' faċilitajiet militari. Huwa jinsab fl-għaxar post fil-ġerarkija ġenerali tat-tmexxija militari Russa. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-intrapriża militari tal-Federazzjoni Russa, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russi b'mod ġenerali. Matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, huwa żar għal diversi drabi l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk" u l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" biex jispezzjona l-faċilitajiet li qed jinbnew mill-forzi okkupanti Russi. Barra minn hekk, huwa ta diversi premjijiet statali lill-persunal militari Russu midruba fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dawk l-azzjonijiet juru li huwa jappoġġa u jiddefendi b'mod attiv il-gwerra kontra l-Ukrajna.<br>Huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1254. | Sergey Borisovich RYZHKOV<br>(Сергей Борисович РЫЖКОВ) | Data tat-twelid: 25.10.1968<br>Post tat-twelid: Voronezh, Preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Maġġur Ġeneral tal-forzi armati Russi u Kmandant tal-41 Armata Interarmi. Għalhekk huwa figura ewlenija fl-ordni tal-battalja tar-Russja u qeda rwol ċentrali fl-invażjoni u l-okkupazzjoni tat-territorju Ukren. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali.<br>Huwa għalhekk responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1255. | Aleksander Viktorovich KOCHKIN<br>(Александр Викторович КОЧКИН) | Data tat-twelid: 10.2.1957<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Direttur Eżekuttiv tal-impriża Tecmash. Tecmash hija disinjatur u manifattur ewlieni tal-missili u l-munizzjon użati mill-Forzi Armati Russi. Il-kumpanija subordinata tagħha, NPO Splav, timmanifattura lanċaturi ta' rokits multipli BM-27 Uragan u BM-30 Smerch li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Forzi Armati Russi użaw il-lanċaturi ta' rokits multipli BM-27 Uragan u BM-30 Smerch f'attakki b'munizzjon dispersiv kontra miri ċivili fl-Ukrajna li kkaġunaw bosta vittmi.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1256. | Vladimir Grigorevich KULISHOV<br>(Владимир Григорьевич КУЛИШОВ) | Data tat-twelid: 20.7.1957<br>Post tat-twelid: Rostov Oblast, Preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Kap tas-Servizz tal-Fruntieri tar-Russja u Viċi Direttur tas-Servizz tas-Sigurtà Federali (FSB) tal-Federazzjoni Russa.<br>Il-funzjonarji tas-Servizz tal-Fruntieri tal-FSB tal-Federazzjoni Russa taħt il-kmand tiegħu ħadu sehem f'operazzjonijiet sistematiċi ta' "filtrazzjoni" u deportazzjonijiet furzati ta' Ukreni mit-territorji okkupati tal-Ukrajna. Il-gwardji tal-fruntiera Russi ssuġġettaw illegalment lil ċittadini Ukreni għal interrogazzjonijiet, tfittxijiet u detenzjonijiet fit-tul.<br>Għalhekk huwa responsabbli għal, li jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet ju politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1257. | Nikolay Viacheslavovich RASTORGUEV<br>(Николай Вячеславович РАСТОРГУЕВ) | Data tat-twelid: 21.2.1957<br>Post tat-twelid: Lytkarino, Moscow Oblast, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Kantant Russu u membru tal-Kunsill Pubbliku tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Huwa appoġġa b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna permezz tal-ispettakli mużikali u l-attivitajiet pubbliċi tiegħu. Huwa ta spettaklu matul id-dimostrazzjoni ta' propaganda b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u l-gwerra kontra l-Ukrajna, li saret fit-18 ta' Marzu 2022 fl-Istadju Luzhniki f'Moska. Barra minn hekk, huwa ta spettakli lil suldati li kienu qed jiġġieldu fil-gwerra kontra l-Ukrajna, u ta fondi lil Donbas okkupat mir-Russja.<br>Għalhekk huwa responsabbli li, b'mod attiv jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1258. | Oleg Mikhaylovich GAZMANOV<br>(Олег Михайлович ГАЗМАНОВ) | Data tat-twelid: 22.7.1951<br>Post tat-twelid: Gusev, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Mużiċist Russu. Huwa membru tal-Kunsill Pubbliku tal-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, li ġie stabbilit fl-2006 bid-Digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa b'għan iddikjarat pubblikament li jiżgura kontroll ċivili fuq il-Ministeru għad-Difiża u l-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Huwa ħa sehem f'avvenimenti pubbliċi organizzati mill-Partit fil-gvern Russja Magħquda.<br>Huwa appoġġa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fid-dikjarazzjonijiet u l-ispettakli mużikali tiegħu. Huwa ġġustifika l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna billi xerred allegazzjonijiet foloz dwar it-theddida tan-NATO kontra r-Russja, u l-allegata inevitabbiltà ta' gwerra akbar f'każ li ma tittieħed l-ebda azzjoni min-naħa Russa.<br>Huwa ta spettaklu matul id-dimostrazzjoni ta' propaganda b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u l-gwerra kontra l-Ukrajna, li saret fit-18 ta' Marzu 2022 fl-Istadju Luzhniki f'Moska. Huwa ta spettaklu wkoll fil-kunċert għall-membri tas-servizzi Russi midruba li ġġieldu fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Huwa wieħed mill-artisti Russi li appoġġaw pubblikament il-politika tal-President Putin dwar l-Ukrajna u l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol fl-2014.<br>Għalhekk huwa responsabbli li, b'mod attiv appoġġa u implimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1259. | Dmitry Evgenevich SHUGAEV<br>(Дмитрий Евгеньевич ШУГАЕВ) | Data tat-twelid: 11.8.1965<br>Post tat-twelid: Moscow, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Direttur tas-Servizz Federali għall-Kooperazzjoni Militari-Teknika tal-Federazzjoni Russa (FSVTS). L-FSVTS huwa korp eżekuttiv federali responsabbli għall-kontroll u s-sorveljanza fil-qasam tal-kooperazzjoni militari-teknika bejn il-Federazzjoni Russa u pajjiżi barranin. F'dan ir-rwol, huwa responsabbli għall-kontroll u s-superviżjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni militari-teknika, kif ukoll għall-iżvilupp tal-politika tal-istat fil-qasam tal-kooperazzjoni militari-teknika, u b'hekk huwa responsabbli għall-isforz tal-gwerra Russa b'mod ġenerali.<br>Huwa għalhekk responsabbli għal li, jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 1260. | Gennadiy Valeryevich ZHIDKO<br>(Геннадий Валериевич ЖИДКО) | Data tat-twelid: 12.9.1965<br>Post tat-twelid: Yangiabad, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa Uzbekistan)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Membru ewlieni tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. F'Ġunju 2022 ingħata l-kmand operazzjonali tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u kien jikkmanda r-Raggruppament tal-Forzi tan-Nofsinhar tar-Russja. Huwa kien involut b'mod attiv fl-iskjerament ta' truppi fl-Ukrajna u ssorvelja l-implimentazzjoni ta' ordni biex jintbagħtu minorenni Russi fit-teatru tal-gwerra Ukren. B'mod attiv jappoġġa, jiġġustifika u jiddefendi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa għalhekk responsabbli għal li, jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1261. | Aleksandr Gelyevich DUGIN<br>(Александр Гельевич ДУГИН) | Data tat-twelid: 7.1.1962<br>Post tat-twelid: Moscow, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l-Federazzjoni Russa)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Filosfu politiku Russu, xjentist politiku, analista, strateġista u ideologu stabbilit ta' teoriji ta' Russky mir u tal-Ewrasjaniżmu. Huwa membru tal-hekk imsejjaħ Klabb ta' Izborsk, grupp ta' riflessjoni Konservattiv Russu li jispeċjalizza fl-istudju tal-politika barranija u domestika tar-Russja.<br>Dugin iġġustifika ideoloġikament u teoloġikament l-annessjoni tal-Krimea u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u jaraha bħala l-"ħelsien" tal-Ukrajna mill-influwenza tal-Punent. L-idea fil-qalba tal-ideoloġija ta' Dugin hija l-bini ta' imperu totalitarju Ewrasjatiku ddominat mir-Russja, li jinkludi l-Ukrajna, għal raġunijiet storiċi, reliġjużi u ġeografiċi. Is-suppożizzjoni ideoloġika ta' Dugin hija li l-Ukrajna hija stat artifiċjali li qed jhedded is-sigurtà tar-Russja u tal-imperu mistħajjel Ewrasjatiku. Għaldaqstant l-invażjoni militari tal-Ukrajna kienet inevitabbli. Huwa appella lill-President Vladimir Putin biex jinvadi l-ilvant tal-Ukrajna militarment.<br>Dugin ippromwova l-kunċett tad-Dinja Russa marbut man-nazzjonaliżmu espansiv u l-politika ta' ritaljazzjoni tal-era ta' Putin, li jinvolvi l-idea ta' patrija storika li tipproteġi s-suġġetti tad-Dinja Russa. Huwa għen jirxoxta l-kunċett ta' "Novorossiya" jew "Russja Ġdida" — isem storiku, użat fl-era tal-Imperu Russu għal żona amministrattiva li llum tagħmel parti mill-Ukrajna.<br>Dugin appella għad-denażifikazzjoni tal-Ukrajna u sejjaħ lill-gvern tagħha faxxist. Huwa appoġġa b'mod attiv il-moviment separatista pro-Russu fil-Lvant tal-Ukrajna, u strumentalizza t-teorija tiegħu ta' viżjoni dinjija billi stabbilixxa l-Unjoni taż-Żgħażagħ Ewrasjatika, li kienet qed twettaq attivitajiet immirati biex idgħajfu s-sovranità tal-Ukrajna.<br>Għaldaqstant, Aleksander Dugin huwa responsabbli għal li, jappoġġa u jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1262. | Ella Aleksandrovna PAMFILOVA<br>(Элла Александровна ПАМФИЛОВА) | Data tat-twelid: 12.9.1953<br>Post tat-twelid: Olmaliq, preċedentement magħrufa bħala USSR (issa l- Uzbekistan)<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: mara | President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) tal-Federazzjoni Russa. Is-CEC hija responsabbli għall-organizzazzjoni tar-referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna. F'dan ir-rwol, Ella Aleksandrovna Pamfilova hija responsabbli għal li, tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022". |

Entitajiet

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "112. | JSC Goznak<br>(Russu: AO «Гознак») | Indirizz: 17 Mytnaya Street, Moscow, Russian Federation<br>Tip ta' entità: Kumpanija b'ishma konġunti<br>Post tar-reġistrazzjoni: Il-Federazzjoni Russa<br>Numru tar-reġistrazzjoni: TIN 7813252159<br>Post prinċipali tan-negozju: Moska, il-Federazzjoni Russa<br>Entitajiet assoċjati oħra: Gvern tal-Federazzjoni Russa | Kumpanija b'ishma konġunti proprjetà tal-istat Russu responsabbli għall-manifattura ta' prodotti ta' sigurtà inkluż karti tal-flus, muniti, bolol, karti tal-identità, dokumenti siguri, ordnijiet tal-istat u midalji. Għalhekk, JSC Goznak hija responsabbli għall-istampar tal-passaporti kollha Russi, inkluż il-passaporti mqassma fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna, inkluż id-Donbas, kif ukoll għal dokumenti militari tas-Settur tad-Difiża tar-Russja. It-tqassim tal-passaporti jaqdi rwol importanti fit-tentattiv tar-Russja li "tirrussifika" u tiddistabbilizza lill-Ukrajna.<br>Għalhekk, JSC Goznak hija responsabbili li qed tappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 113. | OJSC V.A. Degtyarev Plant<br>(Russu: ОАО «Завод имени В.А. Дегтярева»)<br>magħrufa wkoll bħala Degtyarev Plant<br>(Russu: «Завод имени Дегтярева»)<br>magħrufa wkoll bħala ZiD<br>(Russu: «ЗиД») | Indirizz: 4 Truda st., Kovrov 601900 Vladimir region, Russian Federation<br>Telefon: +8 (49232) 9-12-09<br>Sit web: www.zid.ru<br>Email: zid@zid.ru<br>Individwi assoċjati: Aleksander Vladimirovich Tmenov | Kumpanija tad-difiża li tipprovdi armi lill-Forzi Armati Russi. Hija mmanifatturat il-missili Igla MANPADS, 9M119M “Refleks” u 9M120 “Ataka” u l-lanċaturi tal-missili 3UBK20 li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Degtyarev Plant hija għalhekk hija responsabbli talli appoġġat, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 114. | MKB “Fakel” imsemmi għal P.D. Grushin<br>(Russu: МКБ «Факел» имени академика П. Д. Грушина) | Indirizz: Khimki, Akademika Grushina 33, 141401 Moscow region, Russian Federation<br>Telefon: + 8 (495) 572-01-33<br>Sit web: https://www.mkbfakel.ru<br>Email: info@npofakel.ru<br>Entitajiet assoċjati: JSC Concern VKO “Almaz-Antey” | Kumpanija tad-difiża Russa li ddiżinjat is-sistemi tal-missili S-300, S-400 u TOR li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk MKB Fakel hija responsabbli talli appoġġat, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 115. | JSC Irkut Corporation<br>(Russu: Корпорация “ИРКУТ”) | Indirizz: Leningradskiy Prospect 68, Moscow, 125315, Russian Federation<br>Telefon: +7 (495) 777-21-01<br>Sit web: irkut.com<br>Email: office@irkut.com<br>Individwi assoċjati: Alexander Veprev, Viċi Kap Direttur Ġenerali tal-JSC “Irkut” Corporation, u Yuri Slyusar, Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta’ PJSC “UAC”. | Manifattur tal-inġenji tal-ajru Russu li jipprovdi inġenji tal-ajru tal-ġlied lill-Forzi Armati Russi.<br>Huwa mmanifattura l-inġenji tal-ajru tal-ġlied supermanuvrabbli Su-30SM li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, Irkut Corp huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |
| 116. | MMZ Avangard<br>(Russu:АО “ММЗ “АВАНГАРД””) | Indirizz: Klary Tsetkin street 33, 125130, Moscow, Russian Federation<br>Telefon: +7 (495) 639-99-90<br>Sit web: https://mmzavangard.ru/<br>Email: avangardmos@mmza.ru<br>Entitajiet assoċjati: JSC Concern VKO “Almaz-Antey” | Kuntrattur fil-qasam tad-difiża li jipprovdi armi lill-Forzi Armati Russi.<br>Huwa mmanifattura missili għas-sistemi tal-missili S-300 u S-400 li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<br>Għalhekk, MMZ Avangard huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 117. | JSC A.N. Ganichev Scientific and Production Association "SPLAV"<br><br>(Russu: АО "Научно-производственное объединение "СПЛАВ" имени А. Н. Ганичева")<br><br>magħruf ukoll bħala JSC NPO "Splav" (Russu: АО НПО "Сплав") | Indirizz: Shcheglovskaya zaseka Str. 33, Tula, 300004 Russian Federation<br><br>Telefon: +7 (4872) 46-44-09<br><br>Sit web: www.splav.org, www.splavtula.ru, сплав.рф<br><br>Email: mail@splavtula.ru<br><br>Individwi assoċjati: Aleksander Vladimirovich Smirnov<br><br>Sergey Yurevich Alekseev<br><br>Boris Andreevich Belobragin<br><br>Sergey Anatolevich Guliy<br><br>Vladimir Nikolaevich Kondaurov<br><br>Denis Nikolaevich Kochetkov<br><br>Maksim Grigorevich Rapota<br><br>Oleg Veniaminovich Stolyarov<br><br>Viktor Ivanovich Tregubov<br><br>Olga Olegovna Yakunina<br><br>Entitajiet assoċjati: JSC Research and Industrial Concern "Machine Engineering Technologies" - JSC RIC TECMASH | Manifattur tal-armi Russu li jipprovdi armi lill-Forzi Armati Russi.<br><br>Huwa jipproduċa l-lanċaturi ta' rokits multipli BM-27 Uragan u BM-30 Smerch li ntużaw mill-Forzi Armati Russi matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Forzi Armati Russi użaw il-lanċaturi ta' rokits multipli BM-27 Uragan u BM-30 Smerch f'attakki b'munizzjon dispersiv kontra miri ċivili fl-Ukrajna li kkaġunaw bosta vittmi.<br><br>Għalhekk NPO Splav huwa responsabbli talli appoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022 |

| | Isem | Informazzjoni għall-Identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 118. | Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) | Indirizz: 109012, Bol'shoy Cherkassky Pereulok, Building 9, Moscow, Russian Federation.<br>Tip ta' entità: Korp tal-istat tal-Federazzjoni Russa<br>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation<br>Data ta' Reġistrazzjoni: 12.6.2002 skont il-Liġi Federali Nru 67-FZ<br>Entitajiet assoċjati oħra: Gvern tal-Federazzjoni Russa | Il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (CEC) tal-Federazzjoni Russa hija korp tal-istat Russu responsabbli għall-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet u referenda għall-Federazzjoni Russa. Bħala tali, is-CEC hija responsabbli għall-organizzazzjoni ta' referenda illegali fir-reġjuni okkupati tal-Ukrajna u għalhekk hija responsabbli talli, tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 6.10.2022". |

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/1908

**tas-6 ta' Ottubru 2022**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/266 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Frar 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/266 ([1]).

(2) Fl-24 ta' Frar 2022, il-Federazzjoni Russa nediet aggressjoni illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna.

(3) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

(4) Fil-21 ta' Settembru 2022, minkejja diversi appelli mill-komunità internazzjonali lill-Federazzjoni Russa biex twaqqaf minnufih l-aggressjoni militari tagħha kontra l-Ukrajna, il-Federazzjoni Russa ddeċidiet li tkompli teskala l-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna billi tappoġġa tal-organizzazzjoni ta' "referenda" illegali fil-partijiet tar-reġjuni ta' Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia li bħalissa huma okkupati mill-Federazzjoni Russa. Il-Federazzjoni Russa kompliet teskala wkoll l-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna billi ħabbret mobilizzazzjoni fil-Federazzjoni Russa u billi qed thedded mill-ġdid li tuża armi ta' qerda massiva.

(5) Fit-28 ta' Settembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li tikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli r-"referenda" fittizji illegali li saru f'partijiet tar-reġjuni ta' Donetsk, Kherson, Luhansk, u Zaporizhzhia tal-Ukrajna li bħalissa huma parzjalment okkupati mir-Russja. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara wkoll li l-Unjoni ma tirrikonoxxix u qatt mhi ser tirrikonoxxi dawk ir-"referenda" fittizja illegali u l-eżitu ffalsifikat tagħhom, u ebda deċiżjoni meħuda abbażi ta' dan l-eżitu, u ħeġġeġ lill-Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti biex jagħmlu l-istess. Bl-organizzazzjoni ta' dawk ir-"referenda" fittizji illegali, ir-Russja kellha l-għan li tbiddel bil-forza l-fruntieri tal-Ukrajna rikonoxxuti internazzjonalment, li jikkostitwixxi ksur ċar u serju tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti ("il-Karta tan-NU"). Ir-Rappreżentant Għoli indika wkoll li dawk kollha involuti fl-organizzazzjoni ta' dawk ir-"referenda" fittizji illegali kif ukoll dawk responsabbli għal ksur ieħor tad-dritt internazzjonali fl-Ukrajna ser jinżammu responsabbli u li ser jitressqu miżuri restrittivi addizzjonali kontra r-Russja f'dan ir-rigward. Ir-Rappreżentant Għoli fakkar li l-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-konfini rikonoxxuti internazzjonalment tagħha, u tesiġi li r-Russja tirtira immedjatament, għalkollox u mingħajr kondizzjonijiet, it-truppi u t-tagħmir militari kollha tagħha mit-territorju kollu tal-Ukrajna. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara wkoll li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jappoġġaw l-isforzi tal-Ukrajna għal dan l-għan, sakemm ikun meħtieġ.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/266 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f' dawk iż-żoni (ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 109).

(6) Fit-30 ta' Settembru 2022, il-membri tal-Kunsill Ewropew adottaw dikjarazzjoni fejn irrifjutaw bil-qawwa u kkundannaw b'mod inekwivoku l-annessjoni illegali mir-Russja tar-reġjuni ta' Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia tal-Ukrajna. Billi intenzjonalment iddgħajjef l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u tikser b'mod sfaċċat id-drittijiet fundamentali tal-Ukrajna għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali, prinċipji ewlenin kif minquxa fil-Karta tan-NU u fid-dritt internazzjonali, ir-Russja qed tpoġġi s-sigurtà dinjija f'riskju. Il-membri tal-Kunsill Ewropew iddikjaraw li ma jirrikonoxxux u qatt mhu ser jirrikonoxxu r-"referenda" illegali li r-Russja fasslet bħala pretest għal dan il-ksur ulterjuri tal-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u lanqas ir-riżultati ffalsifikati u illegali tagħhom. Huma ddikjaraw li qatt mhu ser jirrikonoxxu l-annessjoni illegali, li dawk id-deċiżjonijiet huma nulli u bla effett u ma jistgħu jipproduċu l-ebda effett legali u li Donetsk, Kherson, Krimea, Luhansk u Zaporizhzhia huma l-Ukrajna. Huma appellaw lill-Istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha biex b'mod inekwivoku jirrifjutaw l-annessjoni illegali u fakkru li l-Ukrajna qed teżerċita d-dritt leġittimu tagħha li tiddefendi lilha nnifisha kontra l-aggressjoni Russa biex terġa' tikseb il-kontroll sħiħ tat-territorju tagħha u għandha d-dritt li tillibera territorji okkupati fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Il-membri tal-Kunsill Ewropew iddikjaraw li ser isaħħu l-miżuri restrittivi tal-Unjoni kontra l-azzjonijiet illegali tar-Russja u jkomplu jżidu l-pressjoni fuq ir-Russja biex ittemm il-gwerra ta' aggressjoni tagħha.

(7) Fid-dawl ta' dawk iċ-ċirkostanzi gravi, il-Kunsill iqis li t-titolu tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/266 jenħtieġ li jiġi emendat u l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tar-restrizzjonijiet li jinsabu fiha jenħtieġ li jiġi estiż biex ikopri ż-żoni kollha mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna fl-oblasts ta' Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia.

(8) Hi meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.

(9) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/266 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/266 hija emendata kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/266 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent, l-okkupazzjoni jew l-annessjoni illegali mill-Federazzjoni Russa ta' ċerti żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna";

(2) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

1. L-importazzjoni fl-Unjoni ta' merkanzija li toriġina fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukranja fl-oblasts ta' Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia għandha tkun ipprojbita.

2. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, dirett jew indirett, ta' finanzjament jew għajnuna finanzjarja, kif ukoll l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, relatati mal-importazzjoni ta' merkanzija li toriġina fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna msemmija fil-paragrafu 1.";

(3) fl-Artikolu 6, il-paragrafi 2a u 2b huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2a. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal:

(a) korpi pubbliċi jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jirċievu finanzjament pubbliku mill-Unjoni jew mill-Istati Membri, dment li l-oġġetti, it-teknoloġija, is-servizzi u l-assistenza msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ikunu meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna msemmija fl-Artikolu 1;

(b) organizzazzjonijiet u aġenziji li huma vvalutati skont il-pilastru mill-Unjoni u li magħhom l-Unjoni ffirmat ftehim qafas ta' sħubija finanzjarja li abbażi tiegħu l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji jaġixxu bħala sħab umanitarji tal-Unjoni, dment li l-oġġetti, it-teknoloġija, is-servizzi u l-assistenza msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ikunu meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna msemmija fl-Artikolu 1;

(c) organizzazzjonijiet u aġenziji li lilhom l-Unjoni tat iċ-Ċertifikat ta' Sħubija Umanitarja jew li huma ċċertifikati jew rikonoxxuti minn Stat Membru skont il-proċeduri nazzjonali, dment li l-oġġetti, it-teknoloġija, is-servizzi u l-assistenza msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ikunu meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna msemmija fl-Artikolu 1; jew

(d) aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri, dment li l-oġġetti, it-teknoloġija, is-servizzi u l-assistenza msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ikunu meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna msemmija fl-Artikolu 1.

2b. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 2a u b'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jagħtu awtorizzazzjonijiet ġenerali jew speċifiċi, taħt tali termini u kondizzjonijiet ġenerali u speċifiċi li huma jqisu xierqa, għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti jew teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 u l-għoti ta' servizzi u assistenza msemmija fil-paragrafu 2, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti, teknoloġija, servizzi u assistenza huma meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna msemmija fl-Artikolu 1.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn minn kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija.";

(4) fl-Artikolu 7, il-paragrafi 1a u 1b huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1a. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal:

(a) korpi pubbliċi jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jirċievu finanzjament pubbliku mill-Unjoni jew mill-Istati Membri, dment li l-assistenza u s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 ikunu meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna msemmija fl-Artikolu 1;

(b) organizzazzjonijiet u aġenziji li huma vvalutati skont il-pilastru mill-Unjoni u li magħhom l-Unjoni ffirmat ftehim qafas ta' sħubija finanzjarja li abbażi tiegħu l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji jaġixxu bħala sħab umanitarji tal-Unjoni, dment li l-assistenza u s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 ikunu meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna msemmija fl-Artikolu 1;

(c) organizzazzjonijiet u aġenziji li lilhom l-Unjoni tat iċ-Ċertifikat ta' Sħubija Umanitarja jew li huma ċċertifikati jew rikonoxxuti minn Stat Membru skont il-proċeduri nazzjonali, dment li l-assistenza u s-servizzi msemmija fil-paragrafi 1 ikunu meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna msemmija fl-Artikolu 1; jew

(d) aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri, dment li l-assistenza u s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 ikunu meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna msemmija fl-Artikolu 1.

1b. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 1a, u b'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jagħtu awtorizzazzjonijiet ġenerali jew speċifiċi, taħt tali termini u kondizzjonijiet ġenerali u speċifiċi li huma jqisu xierqa, għall-għoti tal-assistenza u s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 wara li jkunu ddeterminaw li tali assistenza u servizzi huma meħtieġa għal finijiet esklużivament umanitarji fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna msemmija fl-Artikolu 1.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn minn kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ottubru 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BEK

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/1909**

**tas-6 ta’ Ottubru 2022**

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b’mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta’ Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK ([1]).

(2) L-Unjoni tibqa’ soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

(3) Fl-24 ta’ Frar 2022, il-President tal-Federazzjoni Russa ħabbar operazzjoni militari fl-Ukrajna u l-forzi armati Russi bdew attakk kontra l-Ukrajna. Dak l-attakk huwa ksur sfaċċat tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

(4) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta’ Frar 2022, il-Kunsill Ewropew ikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna. Bl-azzjonijiet militari illegali tagħha, il-Federazzjoni Russa qed tikser b’mod serju d-dritt internazzjonali u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti (“il-Karta tan-NU”), u qed iddgħajjef is-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea u globali. Il-Kunsill Ewropew appella għat-tħejjija u l-adozzjoni urġenti ta’ pakkett ta’ sanzjonijiet individwali u ekonomiċi ulterjuri.

(5) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 u l-24 ta’ Ġunju 2022, il-Kunsill Ewropew iddikjara li ser tkompli l-ħidma fuq is-sanzjonijiet, inkluż biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni u tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni.

(6) Fil-21 ta’ Settembru 2022, minkejja diversi appelli mill-komunità internazzjonali lir-Russja biex twaqqaf minnufih l-aggressjoni militari tagħha kontra l-Ukrajna, il-Federazzjoni Russa ddeċidiet li tkompli teskala l-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna billi tappoġġa l-organizzazzjoni ta’ “referenda” illegali fil-partijiet tar-reġjuni ta’ Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia li bħalissa huma okkupati mir-Russja. Il-Federazzjoni Russa eskalat ukoll l-aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna billi ħabbret mobilizzazzjoni fil-Federazzjoni Russja u billi heddet ukoll li tuża armi ta’ qerda massiva.

(7) Fit-28 ta’ Settembru 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà (ir-“Rappreżentant Għoli”) ħareġ dikjarazzjoni f’isem l-Unjoni li tikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli r-“referenda” fittizji illegali li saru f’partijiet tar-reġjuni tal-Ukrajna ta’ Donetsk, Kherson, Luhansk, u Zaporizhzhia li bħalissa huma parzjalment okkupati mir-Russja. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara wkoll li l-Unjoni ma tirrikonoxxix u qatt mhi ser tirrikonoxxi dawk ir-“referenda” fittizji illegali u l-eżitu ffalsifikat tagħhom, u ebda deċiżjoni meħuda abbażi ta’ dak l-eżitu, u ħeġġeġ lill-Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti biex jagħmlu l-istess. Bl-organizzazzjoni ta’ dawk ir-“referenda” fittizji illegali, ir-Russja kellha l-għan li tbiddel bil-forza l-fruntieri tal-Ukrajna rikonoxxuti internazzjonalment, li jikkostitwixxi ksur ċar u serju tal-Karta tan-NU. Ir-Rappreżentant Għoli indika wkoll li dawk kollha involuti fl-organizzazzjoni ta’ dawk ir-“referenda” fittizji illegali kif ukoll dawk responsabbli għal ksur ieħor tad-dritt internazzjonali fl-Ukrajna ser jinżammu responsabbli u li ser jitressqu miżuri restrittivi addizzjonali kontra r-Russja f’dan ir-rigward. Ir-Rappreżentant Għoli fakkar li l-Unjoni tibqa’ soda fl-appoġġ tagħha għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha, u teżiġi li r-Russja tirtira immedjatament, għalkollox u mingħajr kondizzjonijiet, it-truppi u t-tagħmir militari kollha tagħha mit-territorju kollu tal-Ukrajna. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara wkoll li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jappoġġaw l-isforzi tal-Ukrajna għal dan l-għan, sakemm ikun meħtieġ.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta’ Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

(8) Fit-30 ta' Settembru 2022, il-membri tal-Kunsill Ewropew adottaw dikjarazzjoni fejn irrifjutaw bil-qawwa u kkundannaw b'mod inekwivoku l-annessjoni illegali mir-Russja tar-reġjuni tal-Ukranja ta' Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia. Billi intenzjonalment iddgħajjef l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u tikser b'mod sfaċċat id-drittijiet fundamentali tal-Ukrajna għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali, prinċipji ewlenin kif minquxa fil-Karta tan-NU u fid-dritt internazzjonali, ir-Russja qed tpoġġi s-sigurtà dinjija f'riskju. Il-membri tal-Kunsill Ewropew iddikjaraw li ma jirrikonoxxux u qatt mhu ser jirrikonoxxu r-"referenda" illegali li r-Russja fasslet bħala pretest għal dan il-ksur ulterjuri tal-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, u lanqas ir-riżultati ffalsifikati u illegali tagħhom. Huma ddikjaraw li qatt mhu ser jirrikonoxxu l-annessjoni illegali, li dawk id-deċiżjonijiet huma nulli u bla effett u ma jistgħu jipproduċu l-ebda effett legali u li l-Krimea, Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia huma l-Ukrajna. Huma appellaw lill-Istati u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha biex b'mod inekwivoku jirrifjutaw l-annessjoni illegali u fakkru li l-Ukrajna qed teżerċita d-dritt leġittimu tagħha li tiddefendi lilha nnifisha kontra l-aggressjoni Russa biex terġa' tikseb il-kontroll sħiħ tat-territorju tagħha u għandha d-dritt li tillibera territorji okkupati fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Il-Membri tal-Kunsill Ewropew ddikjaraw li ser isaħħu l-miżuri restrittivi tal-Unjoni kontra l-azzjonijiet illegali tar-Russja u jkomplu jżidu l-pressjoni fuq ir-Russja biex ittemm il-gwerra ta' aggressjoni tagħha.

(9) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, huwa xieraq li jiġu introdotti miżuri restrittivi ulterjuri.

(10) B'mod partikolari, huwa xieraq li tiġi estiża l-projbizzjoni ta' involviment fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' ċerti persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi tal-Istat Russu, jew ikkontrollati mill-Istat Russu, billi tiġi inkluża wkoll projbizzjoni fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni li jokkupaw kwalunkwe kariga fil-korpi governattivi ta' dawk il-persuni ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi. Huwa wkoll xieraq li mal-lista ta' entitajiet tal-Istat Russu, jew ikkontrollati mill-Istat Russu, li huma soġġetti għal dik il-projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet tiżdied ir-Russian Maritime Register of Shipping (ir-Reġistru Marittimu Russu tat-Tbaħħir), entità 100 % tal-Istat li twettaq attivitajiet relatati mal-klassifikazzjoni u l-ispezzjoni, inkluż fil-qasam tas-sigurtà, ta' bastimenti u inġenji Russi u mhux Russi. Dik iż-żieda tipprojbixxi l-għoti ta' kwalunkwe tip ta' benefiċċju ekonomikament siewi lir-Russian Maritime Register of Shipping. F'dan ir-rigward, huwa wkoll xieraq li jintalab l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-Istati Membri lir-Russian Maritime Register of Shipping skont id-Direttiva 2005/65/KE ([2]), 2009/15/KE ([3]) jew (UE) 2016/1629 ([4]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 ([5]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu dan l-irtirar f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 391/2009 u d-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), huwa wkoll xieraq li jiġi rtirat ir-rikonoxximent mill-Unjoni tar-Russian Maritime Register of Shipping. Barra minn hekk, huwa xieraq li tiġi estiża l-projbizzjoni fuq l-aċċess għall-portijiet u l-imgħalaq fit-territorju tal-Unjoni għal bastimenti ċċertifikati mir-Russian Maritime Register of Shipping.

(11) Barra minn hekk, huwa xieraq li jitneħħa l-limitu għall-projbizzjoni eżistenti fuq il-forniment ta' kartieri tal-kriptoassi, kontijiet jew servizzi ta' kustodja lil persuni u residenti Russi, biex b'hekk jiġi pprojbit il-forniment ta' dawn is-servizzi irrispettivament mill-valur totali ta' tali kriptoassi.

(12) Huwa wkoll xieraq li tiġi estiża l-projbizzjoni eżistenti fuq il-forniment ta' ċerti servizzi lill-Federazzjoni Russa billi jiġi pprojbit il-forniment ta' servizzi arkitettoniċi u ta' inġinerija kif ukoll servizzi ta' konsulenza tal-IT u servizzi ta' konsulenza legali. F'konformità mal-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif tinsab fid-Dokumenti Statistiċi, Serje M, Nru 77, CPC prov., 1991, tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, "servizzi arkitettoniċi u tal-inġinerija" jkopri kemm is-servizzi arkitettoniċi u tal-inġinerija, kif ukoll is-servizzi integrati tal-inġinerija, l-ippjanar urban u s-servizzi arkitettoniċi tal-pajsaġġ u s-servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika relatati mal-inġinerija. "Servizzi tal-inġinerija" ma jkoprix l-assistenza teknika relatata ma' oġġetti esportati lejn ir-Russja, fejn il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom ma jkunux ipprojbiti fiż-żmien meta tiġi pprovduta tali assistenza

([2]) Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28).

([3]) Id-Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 47).

([4]) Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6).

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11).

teknika. "Servizzi ta' konsulenza tal-IT" ikopri s-servizzi ta' konsulenza relatati mal-installazzjoni ta' hardware tal-kompjuter, inkluż is-servizzi ta' assistenza lill-klijenti biex jinstallaw hardware tal-kompjuter (jiġifieri tagħmir fiżiku) u networks tal-kompjuter, u servizzi ta' implimentazzjoni tas-software, inkluż is-servizzi kollha li jinvolvu servizzi ta' konsulenza dwar software, l-iżvilupp tas-software u l-implimentazzjoni tiegħu.

(13) "Servizzi konsultattivi legali" tkopri l-għoti ta' pariri legali lill-klijenti fi kwistjonijiet mhux kontenzjużi, inkluż tranżazzjonijiet kummerċjali, li jinvolvu l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tal-liġi; il-parteċipazzjoni ma' jew f'isem klijenti fi tranżazzjonijiet kummerċjali, negozjati u negozjati oħra ma' partijiet terzi; u t-tħejjija, l-eżekuzzjoni u l-verifika ta' dokumenti legali. "Servizzi ta' konsulenza legali" ma tinkludi l-ebda rappreżentazzjoni, parir, tħejjija ta' dokumenti jew verifika ta' dokumenti fil-kuntest tas-servizzi ta' rappreżentanza legali, jiġifieri fi kwistjonijiet jew proċedimenti quddiem aġenziji amministrattivi, qrati, jew tribunali uffiċjali oħra debitament kostitwiti, jew fi proċedimenti ta' arbitraġġ jew ta' medjazzjoni.

(14) Barra minn hekk, huwa xieraq li jiġi speċifikat li l-projbizzjoni tal-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, inkluż armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari, u partijiet ta' rikambju għalihom, mill-Federazzjoni Russa, tapplika kemm għall-importazzjoni diretta kif ukoll għal dik indiretta.

(15) Huwa wkoll xieraq li tiġi estiża l-lista ta' oġġetti ristretti li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Federazzjoni Russa jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà tagħha, billi jiġu inklużi f'dik il-lista ċerti sustanzi kimiċi, aġenti nervini u oġġetti li ma għandhom l-ebda użu prattiku ħlief għall-piena kapitali, għat-tortura jew għal trattamenti jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, jew li jistgħu jintużaw għal dawn il-finijiet. L-oġġetti soġġetti għal dik il-projbizzjoni huma koperti wkoll mir-Regolament (UE) 2019/125 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]). F'dan il-kuntest, id-Deċiżjoni 2014/512/PESK għandha tiġi ttrattata bħala *lex specialis* u għaldaqstant, f'każ ta' kunflitt, tieħu preċedenza fuq ir-Regolament (UE) 2019/125.

(16) Huwa wkoll xieraq li jiġi projbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti essenzjali tagħhom kif ukoll il-munizzjon lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Federazzjoni Russa, jew għal użu fil-Federazzjoni Russa. L-oġġetti soġġetti għal dik il-projbizzjoni huma koperti wkoll mir-Regolament (UE) Nru 258/2012 ([8]). F'dan il-kuntest, id-Deċiżjoni 2014/512/PESK għandha tiġi ttrattata bħala *lex specialis* u għaldaqstant, f'każ ta' kunflitt, tieħu preċedenza fuq ir-Regolament (UE) Nru 258/2012.

(17) Huwa wkoll xieraq li tiġi estiża l-projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' prodotti tal-azzar li jew joriġinaw mill-Federazzjoni Russa jew li ġew esportati minnha, kif ukoll li jiġu imposti restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni ta' oġġetti addizzjonali li jiġġeneraw dħul sinifikanti għall-Federazzjoni Russa. Dik il-projbizzjoni tapplika għal oġġetti li joriġinaw mill-Federazzjoni Russa jew li jiġu esportati minnha u tinkludi oġġetti bħall-polpa tal-injam u l-karta, ċerti elementi użati fl-industrija tal-ġojjellerija bħal ħaġar u metalli prezzjużi, ċertu makkinarju u oġġetti kimiċi, sigaretti, plastik u prodotti kimiċi lesti bħalma huma l-kożmetiċi. Huwa wkoll xieraq li l-projbizzjoni tal-esportazzjoni tiġi estiża billi jiżdiedu oġġetti ġodda mal-lista ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali Russi, kif ukoll li jiġu imposti restrizzjonijiet fuq il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti addizzjonali użati fis-settur tal-avjazzjoni.

(18) L-Unjoni hija impenjata li tevita theddid għas-sikurezza u s-sigurtà nukleari. Konsegwentement, l-ebda waħda mill-miżuri f'din id-Deċiżjoni ma tfittex li ddgħajjef is-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili jew il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp, jew li timmina l-ippjanar, il-kostruzzjoni u l-inġinerija, l-ikkummissjonar, il-manutenzjoni, u l-provvista tal-fjuwil ta' proġetti nukleari li għadom kif inbnew.

([7]) Ir-Regolament (UE) 2019/125 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra (ĠU L 30, 31.1.2019, p. 1).

([8]) Ir-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jimplimenta l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabrikar illeċitu ta' u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, komponenti u ammunizzjoni tagħhom, li tissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) u li jistabbilixxi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, u miżuri rigward l-importazzjoni u t-transitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-ammunizzjoni (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 1).

(19) Apparti l-projbizzjonijiet eżistenti relatati mal-forniment ta' servizzi għat-trasport marittimu ta' żejt mhux maħdum u ċerti prodotti tal-petroleum lejn pajjiżi terzi, huwa xieraq li jiġi pprojbit ulterjorment it-trasport marittimu ta' dawn l-oġġetti lejn pajjiżi terzi. Din il-projbizzjoni għandha tkun bil-kundizzjoni li l-Kunsill jintroduċi limitu massimu tal-prezz stabbilit minn qabel miftiehem mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet.

(20) Hija wkoll xierqa l-introduzzjoni ta' eżenzjoni mill-projbizzjoni li jiġi pprovdut trasport marittimu u mill-projbizzjoni li tingħata assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatati mat-trasport marittimu lejn pajjiżi terzi ta' żejt mhux maħdum jew ta' prodotti tal-petroleum li joriġinaw jew jiġu esportati mir-Russja, li jinxtraw b'limitu massimu tal-prezz miftiehem mill- Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezz, jew taħtu. Dik l-eżenzjoni għandha ttaffi il-konsegwenzi negattivi fuq il-provvista tal-enerġija għal pajjiżi terzi u tnaqqas iż-żidiet fil-prezzijiet ikkawżati minn kundizzjonijiet straordinarji tas-suq, filwaqt li jiġi limitat id-dħul Russu miż-żejt. Dik l-eżenzjoni jenħtieġ li tkun limitata fiż-żmien, sabiex jiġi żgurat li tibqa' adegwata, u tkun tista' tiġġedded skont iċ-ċirkostanzi marbuta mas-sigurtà tal-enerġija tal-pajjiż terz L-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezz għal dik l-eżenzjoni jiddependi fuq proċess ta' attestazzjoni li jippermetti lill-operaturi fil-katina tal-provvista taż-żejt Russu li jinġarr bil-baħar biex juru li nxtara b' dak il-limitu massimu tal-prezz jew taħtu. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kunsill, toħroġ gwida biex tispeċifika l-aspetti prattiċi tal-applikazzjoni tal-limitu massimu tal-prezz, sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni uniformi u jinħolqu kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni u globalment.

(21) Meta jiddeċiedi jekk jintroduċix dak il-limitu massimu tal-prezzijiet, il-Kunsill ser iqis l-effettività tal-miżura f'termini tar-riżultati mistennija tagħha, l-aderenza internazzjonali u l-allinjament informali mal-iskema tal-limitu massimu tal-prezzijiet, u l-impatt potenzjali tagħha fuq l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tappoġġa bis-sħiħ lill-Kunsill fil-valutazzjoni jekk jintroduċix il-limitu massimu tal-prezzijiet, inkluż billi ssejjaħ laqgħat ta' koordinazzjoni mal-Istati Membri u mar-rappreżentanti tal-industriji affettwati. Wara l-ewwel Deċiżjoni tal-Kunsill li tagħmel applikabbli l-limitu massimu tal-prezzijiet, il-Kummissjoni ser tkompli torganizza tali laqgħat biex tivvaluta, fost l-oħrajn, prattiki potenzjali ta' ċirkomvenzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet, bħat-tneħħija tal-bandiera tal-bastimenti, u l-impatt tagħhom fuq l-effettività tal-mekkaniżmu tal-limitu massimu tal-prezzijiet, u ser tipproponi soluzzjonijiet xierqa.

(22) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-limitu massimu tal-prezz, jenħtieġ li l-Kunsill jaġġorna malajr il-prezz miftiehem f'koordinazzjoni mal-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezz. Il-limitu massimu tal-prezz bl-ebda mod ma jaffettwa l-eċċezzjonijiet li jippermettu lil ċerti Stati Membri jkomplu jimportaw żejt mhux maħdum u prodotti tal-petroleum mir-Russja minħabba s-sitwazzjoni speċifika tagħhom jew li jimportaw żejt mhux maħdum bil-baħar mir-Russja f'każ li l-provvista ta' żejt mhux maħdum permezz ta' pipeline mir-Russja tiġi interrotta għal raġunijiet barra mill-kontroll tagħhom. Il-proġetti speċifiċi li huma essenzjali għas-sigurtà tal-enerġija ta' ċerti pajjiżi terzi jistgħu jiġu eżentati mil-limitu massimu tal-prezz.

(23) F'każ li bastiment taħt il-bandiera ta' pajjiż terz ikun ittrasporta żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi Russi mixtrija bi prezz ogħla mil-limitu massimu tal-prezz, għandu jkun ipprojbit l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja inkluż l-assigurazzjoni, relatata ma' kwalunkwe trasport fil-futur, minn dak il-bastiment, ta' żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi.

(24) Tenħtieġ aktar azzjoni mill-Unjoni biex ċerti miżuri jiġu implimentati.

(25) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/512/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2014/512/PESK hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1aa huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Mit-22 ta' Ottubru 2022 għandu jkun ipprojbit li tinżamm kwalunkwe kariga fil-korpi governattivi ta' kwalunkwe persuna ġuridika, korp jew entità msemmija fil-paragrafu 1."

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika, sal-15 ta' Mejju 2022, għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi ma' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmi fil-Parti A tal-Anness X qabel is-16 ta' Marzu 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(c) il-paragrafu 2a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmijin fil-Parti A tal-Anness X, li jirċievu pagamenti dovuti skont kuntratti li jkunu saru qabel il-15 ta' Mejju 2022.";

(d) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"2b. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-eżekuzzjoni sat-8 ta' Jannar 2023 ta' kuntratti konklużi ma' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmijin fil-Parti B tal-Anness X qabel is-7 ta' Ottubru 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

2c. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmijin fil-Parti B tal-Anness X, li jirċievu pagamenti dovuti skont kuntratti li jkunu saru qabel it-8 ta' Jannar 2023.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 1ab*

1. L-Istati Membri li awtorizzaw lir-Russian Maritime Register of Shipping iwettaq spezzjonijiet u stħarriġ b'mod sħiħ jew parzjali b'rabta maċ-ċertifikati statutorji u, fejn xieraq, awtorizzawh joħroġ jew iġedded iċ-ċertifikati relatati f'konformità mal-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), għandhom jirtiraw dawk l-awtorizzazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dik id-Direttiva qabel il-5 ta' Jannar 2023.

Matul il-perjodu sakemm tali awtorizzazzjonijiet ma jkunux ġew irtirati, l-Istati Membri ma għandhomx jippermettu, jew jagħtu delega lir-Reġistru Marittimu Russu tat-Tbaħħir biex iwettaq kwalunkwe wieħed mill-kompiti li, f'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar is-sikurezza marittima, huma riżervati għal organizzazzjonijiet rikonoxxuti mill-Unjoni, inkluż li jwettaq spezzjonijiet u stħarriġ relatati maċ-ċertifikati statutorji kif ukoll li joħroġ, japprova jew iġedded iċ-ċertifikati relatati.

2. Kwalunkwe ċertifikat statutorju maħruġ f'isem Stat Membru mir-Russian Maritime Register of Shipping qabel is-7 ta' Ottubru 2022 għandu jiġi rtirat u terminat mill-Istat Membru rilevanti, li jaġixxi bħala Stat tal-bandiera, qabel it-8 ta' April 2023.

3. B'deroga mill-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**) u fl-Artikolu 21(3) tad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***), ir-rikonoxximent mill-Unjoni tar-Russian Maritime Register of Shipping skont ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 u d-Direttiva (UE) 2016/1629 huwa rtirat.

4. L-Istati Membri li ddelegaw kwalunkwe dmir relatat mal-ispezzjoni lir-Russian Maritime Register of Shipping, kif definit fl-Artikolu 20(3) tad-Direttiva (UE) 2016/1629, b'mod partikolari biex iwettqu spezzjonijiet tekniċi biex jivverifikaw jekk l-inġenju jikkonformax mar-rekwiżiti tekniċi msemmija fid-Direttiva (UE) 2016/1629, b'mod partikolari fl-Annessi II u V tagħha, għandhom jirtiraw dawk l-awtorizzazzjonijiet qabel is-6 ta' Novembru 2022.

5. L-Istati Membri li ddelegaw kwalunkwe dmir relatat mas-sigurtà lir-Russian Maritime Register of Shipping f'konformità mal-punt 4.3 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (****)jew mal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*****), b'mod partikolari b'rabta mal-ħruġ jew it-tiġdid taċ-Ċertifikati Internazzjonali tas-Sigurtà tal-Bastimenti u ma' kwalunkwe verifika relatata f'konformità mal-punti 19.1.2 u 19.2.2 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, għandhom jirtiraw dawk l-awtorizzazzjonijiet qabel il-5 ta' Jannar 2023.

6. Kwalunkwe Ċertifikata Internazzjonali tas-Sigurtà tal-Bastimenti maħruġ f'isem Stat Membru mir-Russian Maritime Register of Shipping qabel is-7 ta' Ottubru 2022 għandu jiġi rtirat u terminat mill-Istat Membru rilevanti, li jaġixxi bħala Gvern Kontraenti, qabel it-8 ta' April 2023."

(*) Id-Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 47).

(**) Ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 11).

(***) Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p 118).

(****) Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6).

(*****) Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet, (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28).';

(3) fl-Artikolu 1b, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għandu jkun ipprojbit il-forniment ta' kartieri tal-kriptoassi, kontijiet jew servizzi ta' kustodja lil ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja, jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.";

(4) fl-Artikolu 1j, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw meta l-fiduċjarju jew il-benefiċjarju jkun ċittadin ta' Stat Membru, ta' pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera, jew persuna fiżika li jkollha permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru, f'pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera.";

(5) L-Artikolu 1k huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1k*

1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, dirett jew indirett, ta' kontabilità, awditjar, inkluż l-awditjar statutorju, iż-żamma tal-kotba u servizzi ta' konsulenza dwar it-taxxa, jew servizzi ta' konsulenza maniġerjali u dwar in-negozju u servizzi ta' relazzjonijiet pubbliċi lil:

(a) il-Gvern tar-Russja; jew

(b) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.

2. Għandu jkun ipprojbit l-għoti, dirett jew indirett, ta' servizzi arkitettoniċi u ta' inġinerija, servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' konsulenza tal-IT lil:

(a) il-Gvern tar-Russja; jew

(b) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-forniment ta' servizzi li, sal-5 ta' Lulju 2022 huma strettament neċessarji għat-terminazzjoni ta' kuntratti li mhumiex konformi ma' dan l-Artikolu, konklużi qabel l-4 ta' Ġunju 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

4. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għall-forniment ta' servizzi li, sat-8 ta' Jannar 2023 huma strettament neċessarji għat-terminazzjoni ta' kuntratti li ma jikkonformawx ma' dan l-Artikolu, konklużi qabel is-7 ta' Ottubru 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

5. Il-paragrafu 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' servizzi li huma strettament neċessarji għall-eżerċizzju tad-dritt ta' difiża fi proċedimenti ġudizzjarji u d-dritt għal rimedju legali effettiv.

6. Il-paragrafu 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' servizzi li huma strettament neċessarji biex jiġi żgurat aċċess għal proċedimenti ġudizzjarji, amministrattivi jew ta' arbitraġġ fi Stat Membru, jew għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, sakemm tali forniment ta' servizzi jkun konsistenti mal-objettivi ta' din id-Deċiżjoni u mad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

7. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' servizzi maħsuba għall-użu esklużiv ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja li huma proprjetà ta', jew kkontrollati kompletament jew b'mod konġunt minn, persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru, pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera, jew pajjiż sieħeb kif elenkat fl-Anness VII,.

8. Il-paragrafi 2 ma għandux japplika għall-forniment ta' servizzi neċessarji għall-emerġenzi tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.

9. Il-paragrafi 2 ma għandux japplika għall-forniment ta' servizzi neċessarji għall-aġġornament ta' software għal użu mhux militari u għal utent mhux militari, permess permezz tal-Artikoli 3(3)(d) u 3a(3)(d).

10. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw is-servizzi msemmijin fihom, bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawn huma neċessarji għal:

(a) skopijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inkluż il-provvisti mediċi, l-ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u l-assistenza relatata, jew għall-evakwazzjonijiet;

(b) attivitajiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem jew l-istat tad-dritt fir-Russja; jew

(c) il-funzjonament ta' rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew pajjiżi sħab fir-Russja, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali.

11. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw is-servizzi msemmijin fihom, bil-kondizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawn huma neċessarji għal:

(a) l-iżgurar tal-provvista kritika tal-enerġija fl-Unjoni u x-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni tat-titanju, l-aluminju, ir-ram, in-nikil, il-palladju u l-mineral tal-ħadid;

(b) l-iżgurar tat-tħaddim kontinwu tal-infrastrutturi, hardware u software li huma kritiċi għas-saħħa u s-sigurtà tal-bniedem, jew għas-sikurezza tal-ambjent;

(c) it-twaqqif, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-provvista tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili, il-provvista ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp; jew

(d) il-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika mill-operaturi tat-telekomunikazzjoni tal-Unjoni neċessarji għat-tħaddim, il-manutenzjoni u s-sigurtà, inkluż iċ-ċibersigurtà, ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, fir-Russja, fl-Ukrajna, fl-Unjoni, bejn ir-Russja u l-Unjoni, u bejn l-Ukrajna u l-Unjoni, u għal servizzi ta' ċentri tad-data fl-Unjoni.

12. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 9, 10 u 11 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(6) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport dirett jew indirett ta' armamenti u materjal relatat ta' kull tip, inkluż armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari, u partijiet ta' rikambju għalihom, mir-Russja minn ċittadini tal-Istati Membri jew li jużaw bastimenti jew ajruplani li jtajru l-bandiera tagħhom, għandhom ikunu pprojbiti.";

(7) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 3aa*

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretta jew indiretta, ta' armi tan-nar, il-partijiet, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon tagħhom, kif elenkat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), kemm jekk joriġinaw mill-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.

2. Għandhom ikunu pprojbiti:

(a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk l-oġġetti, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, jew għall-użu fir-Russja.

---

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jimplimenta l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabrikar illeċitu ta' u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, komponenti u ammunizzjoni tagħhom, li tissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) u li jistabbilixxi awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni, u miżuri rigward l-importazzjoni u t-transitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-ammunizzjoni (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 1).";

(8) l-Artikolu 4d huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Fir-rigward tal-prodotti elenkati fil-Parti A tal-Anness XI għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 (*), il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4, sat-28 ta' Marzu 2022, ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel is-26 ta' Frar 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

---

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5a. Fir-rigward tal-oġġetti elenkati fil-Parti B tal-Anness XI għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4, sas-6 ta' Novembru 2022, ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel is-7 ta' Ottubru 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti."

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"6a. B'deroga mill-paragrafi 1 u 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt tali kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti elenkati fil-Parti B tal-Anness XI tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, jew assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għall-produzzjoni ta' oġġetti tat-titanju meħtieġa fl-industrija tal-ajrunawtika, li għalihom ma tkun disponibbli l-ebda provvista alternattiva.";

(9) L-Artikolu 4ha huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll, wara t-8 ta' April 2023, għal kwalunkwe bastiment ċertifikat mir-Russian Maritime Register of Shipping."

(b) fil-paragrafu 3, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 1a, "bastiment "ifisser:"";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej

"4. Il-paragrafi 1 u 1a ma għandhomx japplikaw fil-każ ta' bastiment li jeħtieġ assistenza biex ifittex post ta' rifuġju, biex jieqaf f'port ta' emerġenza għal raġunijiet ta' sikurezza marittima, jew biex tiġi salvata l-ħajja fuq il-baħar."

(d) fil-paragrafu 5, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"5. B'deroga mill-paragrafi 1 u 1a, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-aċċess minn bastiment għal port jew magħlaq, bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċess ikun neċessarju għal:"

(e) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5b. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, li bastiment ikollu aċċess għal port jew magħlaq sakemm huwa:

(a) ikun tajjar il-bandiera tal-Federazzjoni Russa taħt reġistrazzjoni ta' noleġġ ta' bastimenti mingħajr ekwipaġġ inizjalment effettwata qabel l-24 ta' Frar 2022,

(b) reġa' ssokta bid-dritt tiegħu li jtajjar il-bandiera tar-reġistru sottostanti tal-Istat Membru tal-UE qabel il-31 ta' Jannar 2023; u

(c) ma jkunx proprjetà ta', mikri, operat jew ikkontrollat b'xi mod ieħor minn ċittadin Russu jew minn kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi tal-Federazzjoni Russa.";

(10) l-Artikolu 4i huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) l-importazzjoni jew ix-xiri, mit-30 ta' Settembru 2023, direttament jew indirettament, ta' prodotti tal-ħadid u tal-azzar kif elenkati fl-Anness XVII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 meta pproċessati f'pajjiż terz li jinkorporaw prodotti tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw mir-Russja kif elenkati fl-Anness XVII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Anness XVII ipproċessati f'pajjiż terz li jinkorporaw prodotti tal-azzar li joriġinaw mir-Russja tal-kodiċi NM 7207 11 jew 7207 12 10, din il-projbizzjoni għandha tapplika mill-1 ta' April 2024 għall-kodiċi NM 7207 11 u mill-1 ta' Ottubru 2024 għall-kodiċi NM 7207 12 10;";

(b) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:

"(e) il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, inkluż id-derivattivi finanzjarji, kif ukoll ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-projbizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b),(c) u (d).";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fir-rigward tal-oġġetti elenkati fil-Parti A tal-Anness XVII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, u irrispettivament minn jekk ikunux elenkati fil-Parti B ta' dak l-Anness jew le, il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1, sas-17 ta' Ġunju 2022, ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel is-16 ta' Marzu 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(d) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"3. Fir-rigward tal-oġġetti elenkati fil-Parti B tal-Anness XVII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014 li mhumiex elenkati fil-Parti A ta' dak l-Anness, u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1, sat-8 ta' Jannar 2023, ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel is-7 ta' Ottubru 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7207 11 u 7207 12 10, li għalihom il- paragrafi 4 u 5.

4. Il-projbizzjonijiet fil-punti (a), (b), (c) u (e) ta' paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport, jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata, tal-kwantitajiet li ġejjin ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7207 12 10:

(a) 3 747 905 tunnellati metriċi bejn is-7 ta' Ottubru 2022 u t-30 ta' Settembru 2023;

(b) 3 747 905 tunnellati metriċi bejn l-1 ta' Ottubru 2023 u t-30 ta' Settembru 2024;

5. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport, jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatata, tal-kwantitajiet li ġejjin ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7207 11:

(a) 487 202 tunnellati metriċi bejn is-7 ta' Ottubru 2022 u t-30 ta' Settembru 2023;

(b) 85 260 tunnellata metrika bejn l-1 ta' Ottubru 2023 u l-31 ta' Diċembru 2023;

(c) 48 720 tunnellata metrika bejn l-1 ta' Jannar 2024 u l-31 ta' Marzu 2024;

6. Il-kwoti ta' volum ta' importazzjoni stabbiliti fil-paragrafi 4 u 5 għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni għall-kwoti tariffarji prevista fl-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 (*).

7. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-oġġetti elenkati fl-Anness XVII tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għat-twaqqif, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-provvista tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili, il-provvista ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp."

8. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 7 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

(*) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).";

(11) l-Artikolu 4k huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fir-rigward tal-prodotti elenkati fil-Parti A tal-Anness XXI għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2, sal-10 ta' Lulju 2022, ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel id-9 ta' April 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"3a Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal xiri fir-Russja li huwa meħtieġ għall-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew għall-użu personali ta' ċittadini tal-Istati Membri u l-membri immedjati tal-familja tagħhom.

3b. Fir-rigward tal-oġġetti elenkati fil-Parti B tal-Anness XXI għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-8 ta' Jannar 2023 ta' kuntratti konklużi qabel is-7 ta' Ottubru 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

3c. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment tal-oġġetti elenkati fl-Anness XXI tar-Regolament (UE) 833/2014, jew l-għoti ta' assistenza teknika u finanzjarja relatata, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għat-twaqqif, itthaddim, il-manutenzjoni, il-provvista tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili, il-provvista ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5a. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 3c fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(12) fl-Artikolu 4l, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment fl-Unjoni, direttament jew indirettament, ta' faħam u prodotti oħra jekk dawn joriġinaw mir-Russja jew jiġu esportati mir-Russja.";

(13) l-Artikolu 4m huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. Fir-rigward tal-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2701, 2702, 2703 u 2704 kif elenkati fl-Anness XXIII għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sat-8 ta' Jannar 2023 ta' kuntratti konklużi qabel is-7 ta' Ottubru 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.";

(b) fil-paragrafu 5, jiżdied il-punt li ġej:

"(c) it-twaqqif, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-provvista tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija tal-faċilitajiet nukleari ċivili, il-provvista ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għall-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp."

(14) l-Artikolu 4p huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel l-4 ta' Ġunju 2022, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti, sa:

(a) il-5 ta' Diċembru 2022, għaż-żejt mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi -NM 2709 00;

(b) il-5 ta' Frar 2023, għall-prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma tapplikax għall-pagament ta' pretensjonijiet tal-assigurazzjoni wara l-5 ta' Diċembru 2022, għal żejt mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2709 00, jew wara l-5 ta' Frar 2023, għal prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710, abbażi ta' kuntratti tal-assigurazzjoni konklużi qabel l-4 ta' Ġunju 2022 u dment li l-kopertura tal-assigurazzjoni tkun waqfet sad-data rilevanti.

4. Għandu jkun ipprojbit it-trasport, inkluż permezz ta' trasferimenti minn vapur għall-ieħor, lejn pajjiżi terzi, ta' żejt mhux maħdum li jaqa' taħt in-NM 2709 00, mill-5 ta' Diċembru 2022, jew ta' prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt in-NM 2710, mill-5 ta' Frar 2023, kif elenkati fl-Anness XXV għar-Regolament (UE) Nru 833/2014, li joriġinaw mir-Russja jew li ġew esportati mir-Russja.

5. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 4għandha tapplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ewwel Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Anness XI f'konformità mal-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu.

Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' kull Deċiżjoni tal-Kunsill sussegwenti li temenda l-Anness XI ta' din id-Deċiżjoni, il-projbizzjoni fil-paragrafu 4 ma għandhiex tapplika, għal perjodu ta' 90 jum, għat-trasport ta' prodotti elenkati fl-Anness XXV, li joriġinaw mir-Russja jew li ġew esportati mir-Russja, dment li

(a) it-trasport ikun ibbażat fuq kuntratt konkluż qabel dik id-data tad-dħul fis-seħħ; u

(b) il-prezz tax-xiri għal kull barmil ma kienx jaqbeż il-prezz stabbilit fl-Anness XI ta' din id-Deċiżjoni fifid-data tal-konklużjoni ta' dak il-kuntratt.

6. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw:

(a) mill-5 ta' Diċembru 2022, għaż-żejt mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2709 00, u mill-5 ta' Frar 2023, għall-prodotti tal-petroleum li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710, li joriġinaw mir-Russja jew li ġew esportati mir-Russja, dment li l-prezz tax-xiri għal kull barmil ta' dawn il-prodotti ma jaqbiżx il-prezzijiet stabbiliti fl-Anness XI;;

(b) għaż-żejt mhux maħdum jew il-prodotti tal-petroleum kif elenkati fl-Anness XXV għar-Regolament (UE) Nru 833/2014 meta dawn l-oġġetti joriġinaw minn pajjiż terz u jkunu biss qed jitgħabbew mir-Russja, jitilqu minnha jew jgħaddu minnha, dment li kemm l-oriġini kif ukoll is-sid ta' dawn l-oġġetti ma jkunux Russi;

(c) għat-trasport, jew għall-assistenza teknika, is-servizzi ta' senserija, il-finanzjament jew l-assistenza finanzjarja relatata ma' dan it-trasport, tal-prodotti msemmijin fl-Anness XII ta' din id-Deċiżjoni lejn il-pajjiżi terzi msemmija fih, għat-tul taż-żmien speċifikat f'dak l-Anness.

7 Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-forniment ta' servizzi ta' bdoti meħtieġa għal raġunijiet ta' sikurezza marittima.

8. Fil-każ li, wara d-dħul fis-seħħ ta'Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Anness X, bastiment ikun ittrasporta ż-żejt mhux maħdum jew il-prodotti petroliferi msemmija fil-paragrafu 4, li l-prezz tax-xiri tagħhom għal kull barmil jaqbeż il-prezz stabbilit fl-Anness XI fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt għal tali xiri, għandu jkun ipprojbit minn hemm 'il quddiem li jiġu pprovduti s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 relatati mat-trasport ta' żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi minn dak il-bastiment.

9. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'unanimità fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli bl-appoġġ tal-Kummissjoni, għandu jemenda:

(a) l-Anness XI fuq il-bażi tal-prezzijiet miftiehma mill- Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet;

(b) l-Anness XII abbażi ta' kriterji ta' eliġibbiltà oġġettivi miftiehma mill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet biex jiġu eżentati proġetti speċifiċi tal-enerġija essenzjali għas-sigurtà tal-enerġija ta' ċerti pajjiżi terzi."

(15) L-Annessi huma emendati kif jinsabu fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ottubru 2022.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BEK

*ANNESS*

Fid-Deċiżjoni 2014/512/PESK, l-Annessi huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness VII, it-titolu jinbidel b'dan li ġej:

"Lista tal-pajjiżi sħab imsemmija fl-Artikoli 1k(7), 3(9), 4j(3) u 4m(4)";

(2) L-Anness X huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS X*

LISTA TA' PERSUNI ĠURIDIĊI, ENTITAJIET U KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1AA

PARTI A

OPK OBORONPROM

UNITED AIRCRAFT CORPORATION

URALVAGONZAVOD

ROSNEFT

TRANSNEFT

GAZPROM NEFT

ALMAZ-ANTEY

KAMAZ

ROSTEC (RUSSIAN TECHNOLOGIES STATE CORPORATION)

JSC PO SEVMASH

SOVCOMFLOT

UNITED SHIPBUILDING CORPORATION

PARTI B

RUSSIAN MARITIME REGISTER of SHIPPING (RMRS)".

(3) jiżdiedu l-Annessi li ġejjin:

*"ANNESS XI*

**Prezzijiet imsemmija fl-Artikolu 4p(9)(a)**

[tabella bil-kodiċijiet NM tal-prodotti u l-prezzijiet korrispondenti kif miftiehma mill- Koalizzjoni tal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet]

*ANNESS XII*

**Lista ta'proġetti msemmija fl-Artikolu 4p(9)(b)**

| Kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni | Data ta' applikazzjoni | Data ta' skadenza |
|---|---|---|
| It-trasport bil-bastiment lejn il-Ġappun, l-assistenza teknika, is-servizzi ta' senserija, il-finanzjament jew l-assistenza finanzjarja relatata ma' tali trasport, ta' żejt mhux maħdum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2709 00 imħallat mal-kondensat, li joriġina mill-Proġett Sakhalin-2 (Сахалин-2), li jinsab fir-Russja | 5 ta' Diċembru 2022 | 5 ta' Ġunju 2023". |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT